# Il-Logħob tat-Tfal Maltin Żmien Ilu

**Joseph Carbone**

*Ħafna drabi meta nitkellmu dwar l-identità Maltija u nagħmlu lista dwar dak kollu li jagħmilna differenti minn popli oħra, naħsbu fil-lingwa, fil-monumenti storiċi tagħna, fl-ikel u l-festi tradizzjonali tagħna imma qajla naħsbu f'affarijiet bħall-ħrejjef u l-leġġendi u l-logħob tradizzjonali. Għalkemm insibu logħob barrani simili għal tagħna, fil-maġġoranza tiegħu dan li ġej hu logħob li konna nsibuh biss Malta u għaldaqstant għal snin sħaħ sawwar l-identità nazzjonali tagħna. Fis-sena li fiha l-Għaqda tagħna tellgħet proġett artistiku ispirat mil-logħob tradizzjonali, għall-kalendarju kulturali ta' Valletta 2018 bl-isem ta' 'Rulina', Joseph Carbone, bandist u kontributur ewlieni, ta' kull sena, b'bosta artikli, ħaseb li jiġbor tagħrif fuq ħafna logħob ta' dari.*

It-tfal, fl-innoċenza tagħhom, minn dejjem fittxew kif jgħaddu ż-żmien fil-logħob, biex bħal jiżvugaw l-enerġija maħżuna li jkollhom f'ġisimhom. U biex insaħħu dan li għidna, nistgħu nsemmu li fid-dizzjunarju ta' Franġisku Agius de Soldanis, *'Damma tal Kliem Kartaginis mscerred fil fom tal Maltin u l Ghaucin' miktub bejn l-1757 u l-1769'*, huwa jsemmi logħba li kienu jilagħbu t-tfal ta' dak iż-żmien. Kienu jagħżlu wieħed u jlibbsuh kappa, biex jirrappreżenta l-Papa. Fuq rasu jqegħdulu l-mitra, li kienet tkun iżżomm l-ilma fiha. Min kien ikun sejjer jilgħab kien jinkina quddiem il-Papa u jitolbu xi grazzja. Kien jintgħażel wieħed, il-vittma, li kienu jgħidulu biex jitlob lil Papa għax-xita. Il-Papa kien iwieġbu li l-grazzja tiegħu kienet ġiet milqugħa mis-Sema. Hawnhekk il-papa kien ibaxxi rasu u jaħsel lill-vittma bl-ilma li kien ikollu maħżun fil-mitra.

Dari l-logħob kien logħob sempliċi, aktarx bla ġugarelli, effett tal-faqar li kien hawn fost il-poplu. Fejn kien ikollhom il-ġugarelli, kienu jkunu sempliċi, bla kumplikazzjoni ta' xejn. It-tfal tal-poplu, il-ftit ġugarelli li kien ikollhom, aktarx li kienu jkunu ivvintati u maħdumin mill-ġenituri, minn xi qarib jew mit-tfal stess, l-aktar dawk it-tfal li jkunu ftit imfarfrin. Ġieli kien ikun hemm xi ġenituri, li forsi għax kien ikollhom xi jroxxu, kienu jordnaw xi ġugarelli għand xi mastrudaxxa, bħalma kienu djar tal-pupa, jew xi mudell ta' knisja



***Ġugarell tal-landa***

xi ftit elaborat u bl-aċċessorji kollha. Min kien tat-tajjeb, kien jixtri ġugarelli, li kienu jqumu l-flus. Aktarx li kienu jkunu ġugarelli magħmulin mil-landa, bħal żwiemel u annimali oħrajn, karozzi, suldati, karettuni, filwaqt li għall-bniet kienu jixtru pupi magħmulin mill-porċellana, bi lbiesi ta' drapp fin u karozzi (prams).

Kellhom għalhekk bosta logħob li aktar kienu jużaw l-enerġija tagħhom, bħal ġiri, qbiż, l-użu tal-idejn u attivitajiet simili. Kellhom ukoll logħob ieħor, fejn bosta drabi kienu jintasbu bilqiegħda fuq il-qiegħa tal-art, jilagħbu logħob bil-kliem. Nistgħu nsemmu l-ħaġa moħġaġa, jew rakkonti ta' stejjer folkloristici, tal-waħx, seħer, għidut u taqbil bil-kliem. Kull post u kull ħin kien jgħodd biex it-tfal jilagħbu. Kemm jekk ikunu fit-triq quddiem id-dar tagħhom, f'xi misraħ, xi sqaq, f'xi għalqa, f'xi wied, u ħdejn il-baħar. Il-logħob ġieli kien ikun logħob tal-istaġun, kif ukoll logħob marbut ma' xi festi.

Illum xi ħaġa differenti għalkollox. Issib ġugarelli sofistikati, l-aktar dawk li jitħaddmu permezz tal-elettronika. Il-prezz li tħallas għalihom aktarx li jkun ferm esaġerat. Dan l-apparat, qed ikun konsegwenza, li t-tfal qed jiġu aljenati bl-użu ta' dan l-apparat elettroniku, bħalma huma *mobiles*, *computers* u apparat simili.

Kif ġa għidna dan l-apparat elettroniku qiegħed iġib lit-tfal jiddependu minnu. Kull fejn tħares tara tfal u anke l-kbar, rashom l-isfel, aljenati jilagħbu u jagħfsu l-buttuni ta' dan l-apparat elettroniku u addio logħob, u kull żvog ieħor. Kaġun t'hekk, it-tfal qed jagħmlu inqas eżerċizzju, li qed jikkawżalhom problemi kbar fis-saħħa tagħhom, għax qed ikunu affettwati b'dik li hija obeżità, ħxuna żejda li magħha ġġib konsegwenzi agħar, bħal mard fil-qalb eċċ. Dari l-logħob kien sempliċi, il-ġugarelli kienu sempliċi, jew ma kien hemm xejn, illum issib ġugarelli sofistikati, kemm fl-għamla u kemm fil-prezz. Dari t-tfal kienu jilagħbu bix-xejn, illum iridu ġugarelli u apparat elettroniku sofistikat. Dari t-tfal bla ma jafu, kienu jagħmlu l-eżerċizzju fiżiku tajjeb għal-saħħithom, illum il-maġġoranza tat-tfal jgħixu l-ħin liberu tagħhom fit-telqa u n-nuqqas ta' eżerċizzju, imbagħad ngħidu li żdied il-mard, għalhekk l-awtoritajiet dejjem iħeġġu biex jiġi pprattikat l-isport.

**Logħob li kien jintlagħab mit-tfal fi żminijiet oħra**

**Arkati:** Kienu jħożżu forom ta' arkati fuq il-kartun. Ipoġġuhom ħdejn xulxin. Joħorġu xi ġellewż, sehemhom, jaqtgħu it-tokk u jibda min jiġi l-ewwel. Jekk meta jwaddab il-bubun (il-boċċa), jirnexxielu jdaħħlu f'xi arkata minnhom, jieħu sehmu mill-ġellewż.

**Logħob bil-ballun:** Dari ma kontx issib il-blalen bħalma ssib illum. Kien ikollhom jagħmlu l-blalen it-tfal stess. Kienu jsejħulu ballabrott/pallabrott. Kienu jgħaffġu xi karti jew ċraret, fil-forma ta' sfiera u jorbtu kollox bl-ispag. Dak kien ikun il-ballun għal-logħba ta' dakinhar. Kellhom ħafna logħob differenti bil-ballun. Kellhom il-**qabża**, **ballun stop**, il-**kelma**, il-**baqbaqun** u l-**beritta**. L-akbar għadu tal-ballun kien ikun xi pulizija, li kif kien jara lit-tfal jilagħbu fit-triq, kien jeħdilhom il-ballun u jħażżeż isimhom fuq it-takwin,(jekk kien ikun jaf jikteb, jekk le kienu jgħadduh passata ta' tfal li huma), biex jekk jerġa' jinqabdu jressaqhom.



***Ballun taċ-ċaruta***

Kellhom logħob bil-**boċċi tal-ħġieġ** jew kif bosta kienu jsejjħulhom il-bubuni. Logħob bil-**ġellewż**, kif ukoll bil-**lewż**. Logħob marbut ma' dan il-frott kellhom **iż-żurżieqa, kastelli** (jew gastelli), **mina, kaxxa, xiber u laqt, mamma, waħda jew kollox, sold jew sitta.**



*Il-bandla, tpinġija ta' Guido Lanfranco*

**Il-bandla:** Wara li tgħaddi l-festa tal-Għid il-Kbir, jgħaddi San Girgor u l-Pentekoste kienu jibdew jaħsbu biex jagħmlu l-bandla għall-Festa tat-tlugħ fis-Sema ta' Sidna Ġesù Kristu, jew kif insejħulha l-Festa ta' Lapsi. Kienu jwaħħlu ħabel ma' biċċa tavla, forsi xi pied u nofs u jdendluha ma' xi fergħa ta' siġra li tkun soda. F'jum Lapsi it-tfal kienu jqattgħu l-jum jitbandlu u jilletikaw min ikun imissu. Dawk ix-xebbiet fi żmien in-namur, jew fl-ewwel jiem taż-żwieġ tagħhom kienu jittieħdu jitbandlu minn żwieġhom, jew l-għarajjes tagħhom. Ġieli kien hemm min, li fil-kitba taż-żwieġ, kien jintrabat li jieħu lil martu għall-festa ta' Lapsi, biex titbandal fuq il-bandla.

Kellhom il-logħba tal-**bombos.** Xi ħadd mit-tfal kien joqgħod għarkupptejh u jdejh mal-art u jitkebbeb kemm jista'. Kienu jaqbżuh, billi jiġru, jpoġġu jdejhom fuq dahru u jaqbżuh wieħed wara l-ieħor.

Il-**borża:** Din il-logħba kienu jilagħbuha l-aktar fi żmien il-festa ta' San Martin, li tiġi ċċelebrata fil-11 ta' Novembru, jew fi żmien il-festi tal-Milied. Dan għaliex f'dak iż-żmien, kien jiġi impurtat kull xorta ta' ġewż. Illum tista' tgħid li ssib il-ġewż is-sena kollha. Kienu jorbtu borża taċ-ċarruta, li kienet tkun mimlija bil-ġewż, bosta drabi kien ikun ġewż imħallat, ma' biċċa rumnell. Xi ħadd mit-tfal, kien jibda jdawwar ir-rumnell dawra tond, lejn saqajn it-tfal, li kienu jiffurmaw dawra tonda. Min kien jintlaqat kien ikollu joħroġ mil-logħba, għax kien ikun tilef. Min kien jibqa' l-aħħar, kien jieħu l-ġewż tal-borża bħala premju.



*Il-borża, tpinġija ta' Guido Lanfranco*

Il-**bżejqa**: Din il-logħba tintlagħab l-istess bħal tal-fatt. Iħożżu ċirku kbir, daqs xi sittin ċentimetru, li jissejjaħ il-**bżejqa**. Flok sinjal tal-fatt, titqiegħed ġebla, li tissejjaħ il-moll. Is-sehem tal-logħba jitqiegħed f'nofs il-bżejqa u mhux fuq il-moll. Jibdew jilagħbu billi jitfgħu il-boċċa tagħhom għal-moll. Min jasal l-eqreb lejn il-moll, jilgħab bit-tefgħa għall-bżejqa. Jekk ma jolqotx, wara li jerġa' jmissu, jkun jista' jilgħab fuq sħabu wkoll, din id-darba bix-xiber.

 

***Il-brilli waqt logħba ġewwa Kerċem***

Il-**brilli:** Din il-logħba kienet tintlagħab l-aktar f'Għawdex. Illum anke f'Għawdex, huma l-ftit li għadhom jilagħbuha. Aktarx li għadha tintlagħab biss fir-raħal ta' San Lawrenz. Meta jilagħbuha l-kbar, tintlagħab bosta drabi għall-flus. Biex tintlagħab din il-logħba, ikun hemm bżonn ta' disa' brilli. Dawn ikunu disa' injamiet, ta' xi tletin ċentimetri għoli, ġejjin f'għamla konika (bħalma huma l-fliexken li jużaw fil-*bowling*). Il-brilli jitpoġġew f'għamla ta' maqrut. Tal-kantunieri jissejħu qriemeċ. Ta' bejn il-qriemeċ jissejħu s-sekondi. Tan-nofs jissejjaħ is-sultan, li jkollu l-ponta ftit differenti mill-oħrajn. Hemm żewġ modi kif tintlagħab din il-logħba. Il-**partita** jew it-**troffa.** Fil-partita, l-irġiel jilagħbu par par. Il-partita tintrebaħ minn dawk li jagħlqu l-ewwel 24 punt eżatt, li tissejjaħ għluq (għeluq). Jekk jispiċċaw b'aktar minn 24 punt, tissejjaħ mogħdija u tintilef il-logħba. Fit-troffa, kulħadd jilgħab għal rasu. Jirbaħ min iġib l-aktar punti f'tefgħa waħda.

**Barra** u **ġewwa:** Tixbah ħafna lit-**trajjos**. Jinqasmu f'żewġ gruppi. Grupp joqgħod fuq bankina u jissejjaħ ġewwa. Il-grupp l-ieħor jibqa' fit-triq u jissejjaħ barra. Ta' barra jkunu jistgħu għal ta' ġewwa, però ta' ġewwa jkunu salvi, dment li jkunu fuq il-bankina. Il-logħba tibda billi ta' ġewwa jippruvaw jaqsmu għall-bankina l-oħra, bla ma jinqabdu. Jekk xi ħadd minn ta' barra jmisshom, dawn imutu u jitilfu posthom fil-logħba. Jekk ta' barra joqtlu lil ta' ġewwa kollha jirbħu. Jekk xi ħadd jirnexxilu jaqsam għall-bankina l-oħra, jirbħu l-grupp ta' ġewwa.

**Barrin**: Titħażżeż kaxxa mal-art, li tissejjaħ l-għassa. Jaqtgħu t-tokk, biex jintgħażlu tlieta. Dawn joqogħdu fl-għassa. Il-kumplament tat-tfal jissejħu barrin. Dawk it-tlieta tal-għassa, wara ftit li tibda l-logħba, joħorġu biex jippruvaw jaqbdu xi barri u jiħduh magħhom l-għassa. Meta jkun imsakkar ġewwa l-għassa, la jkun jista' jaħrab u l-anqas iħarrbuh. Il-logħba ddum sa ma jaqbdu lil kulħadd u jerġgħu jibdew.

**Bojod** u **kuluri**: Is-subien iħobbu jġemmgħu il-kupuni tas-sigaretti, santi u bosta affarijiet simili. B'dawn kienu jilagħbu l-logħba msejħa bojod u kuluri. Kienu jgħollu pereżempju s-santi. Dawk li jiġu bix-xbieha tidher jirbaħhom skont kif ikunu ftehmu.

**Onġi onġi onġella** (un giri un giro angela); Din il-logħba sas-snin sittin u l-bidu tas-snin sebgħin, kienet għadha tintlagħab f'bosta rħula ta' Malta. It-tfal kienu jinqasmu f'żewġ fillieri

quddiem xulxin. Min kien iżomm mat-tfajla u min kien iżomm mar-raġel. Il-logħba kienet tibda billi xi ħadd taparsi jħabbat il-bieb u jibda billi jgħid, *"bum bum il-bieb",*



**Onġi onġi onġella waqt il-Festival ta' Logħob Tradizzjonali Malti**

bl-oħrajn iwiegbu; *Onġi onġi onġella/ Bum bum il-bieb/Onġi O Kavallier. Min ġie? Min ġie? Min ġie?/ Onġi onġi onġella/Min ġie? Min ġie? Min ġie?/Onġi O Kavallier. Ġie l-Ambaxxatore Onġi onġi onġella. Ġie l-Ambaxxatore. Onġi O Kavallier./ Xi jrid l-Ambaxxatore?/ Onġi onġi onġella./Xi jrid l-Ambaxxatore? Onġi O Kavallier./ Irid tifla ( jew tifel) sabiħa./ Onġi onġi onġella./ Irid tifla sabiħa./ Onġi O Kavallier./ Min hija din it-tifla?/ Onġi onġi onġella./ Min hija din it-tifla?/ Onġi o Kavallier./ Din hija* ________(jissemma isem)*./ Onġi onġi onġella./Din hija* ______*./ Onġi O Kavallier./X'se ntuha 'l din it-tifla?/Onġi onġi onġella./ X'se ntuha 'l din it-tifla?/ Onġi O Kavallier./ Nagħtuha ġurdien moqli./ Onġi onġi onġella./ Nagħtuha ġurdien moqli./ Onġi O Kavallier./ U dana mhux biżżejjed./ Onġi onġi onġella./ U dana mhux biżżejjed./ Onġi O Kavallier./ Nagħtuha ........* ( tissemma xi ħaġa mistmerra)*./ Onġi onġi onġella./ Nagħtuha........../ Onġi O Kavallier. / Nagħtuha .....................* (tissemma xi ħaġa sabiħa)*./ Onġi onġi onġella./ Nagħtuha ...................... / Onġi O Kavallier./ Ħuduha la triduha./ Għax aħna m'għandniex x'nambuha./ Karozza b'erba' roti./ Tagħmel ħoss tat-terremoti.*

**Ċama ċama:** Din kienet tintlagħab l-aktar fis-sajf, fi żmien l-għawm. Kienu jaqtgħu it-tokk, biex min jiġi joqgħod il-kmand. L-oħrajn jintefgħu f'linja ma' xifer il-baħar. Il-kmand kien jibda hu, billi jaqbeż fil-baħar u waqt li jgħajjat ċama ċama għal rasi jew idejja jew għal saqajja. L-oħrajn ikollhom jagħmlu bħalu. Kienu jilagħbuha wkoll, l-istess bħalma semmejna qabel, iżda min kien jgħajjat kien isemmi wkoll isem xi ħadd li jkun qiegħed jieħu sehem fil-logħba.

**Ċampella:** Kienu jilagħbu din il-logħba għall-ħelu jew xi ġewż. Il-kbar, kienu jilagħbuha għall-flus. Wara li joħorġu sehemhom, kienu jpoġġu boċċa jew ġebla, li kienu jsejħulha ċ-ċampella. Imbagħad kienu jwaddbulha boċċa oħra u jimmiraw biex iqarrbuha kemm jista' jkun qribha. Wara li jkun lagħab kulħadd, kienu jkejjlu d-distanzi u jirbaħ min kien ikollu l-boċċa tiegħu l-eqreb lejn iċ-ċampella.

**Iċ-ċippitatu:** Kien jintuża kemm mit-tfal u anke mill-kbar. It-tfal kienu jużawh għal-logħob u kienu jilagħbu għall-gost. Il-kbar kienu jilagħbu għall-flus meta jilagħbu biċ-ċippitatu. Kienu jqiegħdu s-sehem tagħhom fi flus, imbagħad jagħżlu numru. Ta' min jiġi jieħu l-premju, li bosta drabi kien ikun xi pastizz, qassata, xi figolla u ħlewwiet oħra, inkella xi ġugarell, skont il-festa jew staġun li jkun.

**Iċ-ċirku:** Kienu jsibu xi ċirku (rimm ) ta' rota. Minn xi biċċa fildiferru ħoxna, kienu jagħmlu l-istikka li jsuqu biha. Kienu jilagħbu biċ-ċrieki billi jtellqu. Kienu jiġru biċ-ċirku u jitilgħu xi telgħa wieqfa, jew jinżlu niżla. Ta' min jibqa' wieqaf jirbaħ. Kienu jilagħbu **gwerra**. Gwerra, kienu jiġru biċ-ċrieki. Waqt il-ġiri, kienu jippruvaw iwaqqgħu ċ-ċrieki ta' xulxin.



*Iċ-ċirku (ritratt BOV)*

**Ċiċċi bambu:** Żewġt itfal kbar iqiegħdu jdejhom ma' xulxin u b'hekk jiffurmaw forma ta' siġġu. Tifla iżgħar titla' bilqiegħda fuq idejn sħabha. Dawk jibdew ibandluha u jimxu biha, filwaqt li kienu jkantaw, "ċiċċi bambu, la lila lila la. Ċiċċi bambu t-tifla tal-Gran Baxa."

***Chance***: Kienu jimmarkaw il-mamma, wara li jaqtgħu t-tokk, min jiġi jkollu joqgħod fil-mamma. It-tfal l-oħra jintasbu faċċata mal-ħajt. Dak jew dik ta' ġol-mamma tħares lejn l-oħrajn. Kultant ħin iddur wiċċha mal-ħajt u tgħajjat, *"One, Two, Three, Chance"*. It-tfal li jkunu faċċata, jimxu pass lejha, però wara li ddur ma jkunux jistgħu jitħarrku. Jekk jinqabdu jiċċaqilqu jew jimxu lejn il-mamma, din tkun tista' tibgħat lura minn fejn ikun ġie, lil min taqbad jiċċaqlaq. Kultant ħin it-tifla tal-mamma tagħmel l-istess. Min jirnexxilu jilħaqha u jtiha daqqa jirbaħ il-logħba. Min jirbaħ joqgħod il-mamma.

**Daqqa**: Kienu jsejħulha wkoll il-qattus u l-ġurdien. Għal din il-logħba, kienu jieħdu sehem gruppi ta' tfal. L-ewwel jaqtgħu t-tokk, biex min jiġi jkollu joqgħod il-qattus. Imbagħad il-logħba tibda billi l-qattus jiġri wara sħabu. Lil min imiss, ikollu joqgħod il-qattus.

**Daqqa kantuniera**: L-istess bħal-logħba ta' qabilha, però dawk li jkunu l-ġurdien, kien ikollhom il-privileġġ li jekk imissu xi arblu, siġra jew xi ħaġ' oħra, skont il-ftehim minn qabel, kien jiffrankaw li jinqabdu.

**Id-dar tal-pupa:** Kien hemm bniet, li kien ikollhom il-privileġġ, li d-dar kienu jagħmlulhom dar tal-pupa biex jilagħbu biha. Forsi l-aktar bniet li kienu jgawdu minn dan il-lussu, kienu jkunu ġejjin minn familji li kienu tat-tajjeb. Sa anke għamara ċkejkna aktarx li kien ikollhom.



*Id-dar tal-pupa (ritratt Guido Lanfranco)*

**Id-dawra**; Titħażżez dawra tonda fl-art, tissejjaħ id-***dawra***. Aktarx li kienu jagħżlu l-art mhix asfaltata. Jiftehmu għal kemm ikunu sejrin jilagħbu, flus jew xi ġewż eċċ... Sehemhom iqegħduh fl-art u jrossuh flimkien kemm jistgħu, biex ma jinqalgħux malajr. Minn ġod-dawra, jilagħbu l-boċċa l-barra biex isibu l-post. Joqogħdu attenti li l-post li jsibu jkun bogħod kemm jista' jkun minn tal-oħrajn. Mill-post jibdew jilagħbu u jersqu lejn id-dawra. Meta jkunu jagħmlu dan, kienu jkunu jistgħu jilagħbu fuq sħabhom ukoll, biex joqtluhom. Meta joqorbu lejn id-dawra, jibdew jilagħbu għall-flus. Dawk il-muniti li joħorġu mid-dawra jintrebħu.

**Daqqa Ingliża**; Logħba li tintlagħab l-istess bħal-logħba qattus u l-ġurdien, però meta dak li jkun il-qattus imiss lil sieħbu, dan ikollu jibqa' jmissu fil-post fejn ikun messu l-ewwel darba, sa ma jmiss lil xi ħaddieħor. Mela dak li jintmess ikollu jibqa' jiġri ma' dak li jkun biha, sa ma jintmess xi ħaddieħor, fost id-daħk tal-oħrajn.

**Daqqa bibien**; L-istess bħal-logħba tal-qattus u l-ġurdien, però li jkunu l-ġurdien, jekk imissu ma' xi bieb, il-qattus ma jkollux il-jedd għalihom.

**Daqqa għewied**; L-istess bħal-logħba ta' qabel, però min ikun jilgħab, ikollu d-dritt li jmiss dak kollu li jkun tal-injam, biex jevita li jinqabad.

**Daqqa ħadid**; L-istess bħal-logħba ta' qabel, però biex jevitaw li jinqabdu, kien ikollhom id-dritt li jmissu kull ħaġa magħmula mill-ħadid.

**Daqqa ħajt**; L-istess bħal ta' qabel, però biex jevitaw li jinqabdu, kien ikollhom id-dritt li jmissu mal-ħajt.

**Daqqa ċieda**; Il-qattus kellu d-dritt li jibqa' jiġri wara sħabu, sa ma xi ħadd jaqta' nifsu, iċedi u jieqaf, allura jilħqu l-qattus u jmissu.

**Dawra durella**; Din kienet taqbila bil-Malti, li t-tfal żgħar kienu jkantaw waqt li jaqbdu id f'id u jibdew iduru dawramejt. Meta kienu jkantaw it-taqbila kollha, jinżlu kokka jew bilqiegħda fl-art. Kienu jkantaw, *"Dawra durella, qabża żigarella, ċoff tal-bellus ċaqċaqhielu lill-għarus, axxa axxa, missieru mastrudaxxa, wieħed tnejn tlieta."* Ġieli kien hemm min, li flok 'missieru mastrudaxxa', kien ikanta 'waqajna fil-kaxxa'.



***Dawra durella, waħda mil-logħbiet tal-proġett Rulina (ritratt P. Balzia)***

Il-**fatt** jew **żorba**; Il-logħba tal-fatt tintlagħab u hija magħrufa b'ħafna ismijiet. Hemm il-fatt tond, il-fatt kwadru, fatt minn fuqhom u fatt minn taħthom. L-art fejn tintlagħab din il-logħba trid tkun watja u nadifa. Skont kif ikunu ser jilagħbu jitħażżu l-kaxxa jew it-tond, kif ukoll is-sing, minn fejn igaraw. Jirranġaw il-boċċi fil-kantunieri jew għat-tond u mhux iqegħduhom bl-addoċċ. Meta tintefa' l-boċċa, dawk il-boċċi li joħorġu minn posthom, jintrebħu. Bil-fatt

minn fuqhom, meta ma jolqotx xi boċċa, il-boċċa li jkunu lagħbu biha titħalla fejn tkun u jilagħbu fuqha wkoll. Jekk jolqot u toħroġ xi boċċa minn postha tintrebaħ.

Il-**fula**; Tintlagħab l-istess bħal-logħba **liema id?**

**Fejn tibagħtu jbus?** Isir ftehim sa fejn jistgħu jilagħbu. Il-limiti. Jaqtgħu t-tokk. Min jiġi jkollu joqgħod wiċċu mal-ħajt. Fejn ikun imiss jissejjaħ il-mamma. Jgħodd bħalma jgħodd fin-noli, però id minnhom irid iżommha warajh. It-tfal li jkunu jilagħbu, joqogħdu warajh f'nofs dawra u jibdew ikantaw, *"ara ġejja l-mewt għalik, biex tqaxxarlek mustaċċik, ara ġejja, ara waslet, din id-daqqa min tahielek?"* jagħtuh daqqa fuq idu, li jkollu fuq wara. L-ieħor idur u jipprova jaqta' min ikun tah id-daqqa. Jekk jeħsel jaqta' min ikun tahielu, it-tfal l-oħra jistaqsuh fejn ikun iridu jmur ibus. Imbagħad jibagħtu jbus xi mkien. Jekk ma jaqtax min ikun tah id-daqqa, sħabu jgħidulu biex imur ibus xi mkien hu. Sa ma t-tifel imur ibus fejn jibagħtuh, l-oħrajn immorru jistaħbew, biex imbagħad dak li jkun mar ibus, ikollu jmur ifittixhom.

**Fuq u isfel**; Tintlagħab bħal-logħba **barra** u **ġewwa**, però jekk wieħed minn dawk ta' ġewwa jniżżel siequ fl-art, allura barra, ikollu bilfors jipprova jaqsam għall-bankina l-oħra.



***Fanali tad-dulliegħ (ritratt Guido Lanfranco)***

**Fanali tad-dulliegħ**; Fi żmien id-dulliegħ, kienu jaqbdu dulliegħa mdaqqsa. Ineħħulha l-laħam, billi jgħawruha b'xi mgħarfa u jikluh. Wara jiffurmaw xi disinni, permezz ta' xi temprin. Wara jwaħħlu biċċa xema' ġod-dulliegħa. Imbagħad kienu jew idendluha ma' xi mkien jew jorbtuha b'xi biċċa rumnell ma' qasba u erħilhom iduru biha.

**Faraboj** jew **Bojja**; Kienu jużaw biċċa injama jew ġebla kwadra. Ġieli kienu jużaw ukoll xi kaxxa vojta bħal tas-sulfarini. Kienu jiktbu l-kliem bojja, sultan, daqqa u xi kliem ieħor. Kienu jħallu wkoll xi faċċata vojta. Din kienet isservi bħala dada, biss flok numri jkun hemm kliem. Meta jilagħbu, kienu jixħtu l-kaxxa fl-art. Il-kelma li tiġi fuq timxi l-logħba fuqha. Jekk tiġi l-faċċata l-vojta, dak li jkun jeħlisa. Jekk tiġi l-kelma 'sultan', it-tifel isir is-sultan. Jekk tiġi l-kelma 'bojja', it-tifel isir il-bojja. Jekk tiġi l-kelma 'daqqiet' jew 'swat', it-tifel jaqla' s-swat mingħand il-bojja, fuq l-ordni tas-sultan.

**Gwerra Franċiża** jew **gardinaw** (*guardian out*); Kienu jinqasmu f'żewġ gruppi. Kull grupp jagħżel territorju għalih. Imbagħad kienu jibdew joħorġu mit-territorju tagħhom. Jekk tal-grupp oppost jaqbad wieħed mill-għedewwa, kienu jiħduh priġunier. Jekk wieħed minn sħab il-priġunier jirnexxilu li jmisslu idu, kien jinħeles.



***Gwerra Franċiża waqt il-Festival ta' Logħob Tradizzjonali Malti***

Il-***game***; Jagħżlu art lixxa. Iħaffru tliet ħofriet f'linja dritta, imbegħdin minn xulxin madwar żewġ piedi (sittin ċentimetru). Xiber bogħod mit-tlelet ħofra jitħażżeż sinjal, minn fejn jilagħbu. L-ewwel tifel jilgħab il-boċċa tiegħu għall-ewwel ħofra. Jekk ma jdaħħalx il-boċċa mill-ewwel, ikollu jistenna, sa ma jkun jista' jerġa' jilgħab, biex jerġa' jipprova jdaħħalha fl-ewwel toqba. Meta tiddaħħal fl-ewwel toqba, jipprova għat-tieni ħofra. Meta jkun daħħal il-boċċa fit-tliet ħofriet, jerġa' jibda jilgħab għall-ewwel waħda. Idum sejjer hekk sa ma jdaħħal il-boċċa għat-tliet darbiet fit-tliet ħofriet.

Il-**gejder** u l-**piċ;** Dawn huma kelmiet oħra flok **fula.**

Il-**għoffu**; Kienu jinqasmu fi gruppi. Isibu bankina fuq kull naħa tat-triq. Jekk ma jkunx hemm bankini, kienu jħożżu sinjali. Kien ikollhom ħatar imdaqqas. Jaqtgħu t-tokk, min jiġi jieħu l-ħatar u joħroġ f'nofs it-triq. Dawk ta' fuq il-bankina jew ta' wara l-linji, jippruvaw jieħdu l-ħatar minn idejn tan-nofs. Ikunu jistgħu joħorġu kif iridu, wieħed wieħed, tnejn tnejn jew kollha f'daqqa. Tal-ħatar jibda jsawwat lil kull min jersaq lejh. Jekk ikunu fuq il-bankina jew wara l-linji, ma jistax imisshom. Min jirnexxilu jeħodlu l-ħatar, jibda jsawtu bih u tispiċċa l-logħba.

**Għasfur taċ-ċomb ma jtirx**; Jagħżlu l-postijiet fejn joqogħdu, dejjem post inqas milli jkun hemm tfal jipparteċipaw fil-logħba. Il-postijiet li jfittxu kienu jkunu xi kantuniera, irkejjen, basta jkunu xi ftit passi mbegħdin minn xulxin. It-tfal imbagħad jinġabru dawra tond, fejn kull wieħed jgħaqqad il-ponn u joħroġ idu b'tali mod li l-ponnijet jiffurmaw dawra fin-nofs. Kif ikunu hekk, kienu jibdew ikantaw, "*għasfur taċ-ċomb ma jtirx, għasfur taċ-ċomb ma jtirx, għasfur taċ-ċomb ma jtirx, għasfur taċ-ċomb ma jtirx, għasfur tal-laħam itir*". Malli jgħajtu l-kelma jtir, jgħollu jdejhom aktar 'il fuq, jiftħu l-ponnijiet u jaħarbu jiġru, biex jilħqu post, wieħed mill-postijiet miftehma minn qabel. Peress li kien ikun hemm post anqas milli jkunu tfal jilagħbu, xi ħadd mit-tfal kien ikollu jibqa' bla post, b'hekk kien ikollu jibqa' barra fin-nofs. Dawk tal-postijiet, jibdew jibdlu posthom wieħed mal-ieħor, b'dak tan-nofs jipprova jisraq wieħed mill-postijiet. Kienu jibqgħu sejrin hekk. Jirbaħ dak li jirnexxilu jżomm postu u ma jinqabad qatt barra. Din il-logħba hija magħrufa wkoll bl-ismijiet bħal **kantunieri, irkieni** (irkejjen) u **siġar**.

**Ġebla u Qarsa**; Logħba li tintlagħab bejn tnejn, huma u mexjin, aktarx lura mill-iskola. Żewġt itfal jaqbdu ġebla kull wieħed, imbagħad jaqtgħu t-tokk. Min jiġi biha, jwaddab il-ġebla 'l quddiem, direzzjoni lejn fejn ikunu sejrin. L-ieħor jixħet tiegħu wkoll u jipprova jolqot dik ta' sieħbu. Fejn tiġi l-ġebla, jerġgħu jilagħbu u jkomplu sejrin hekk, jimxu u jixħtu l-ġebla biex jolqtu ta' xulxin. Dak li jolqot il-ġebla ta' sieħbu ħames darbiet, jirbaħ id-dritt li joqros lil sieħbu.

**Ġbid tal-ħabel** (tug of war); Żewġ gruppi joqogħdu faċċata ta' xulxin. F'nofs il-ħabel jitwaħħal sinjal, xi maktur jew bandiera. Titħażżeż linja fl-art. Mas-sinjal il-gruppi jibdew jiġbdu l-ħabel kontra xulxin. Min jiġbed l-aktar lill-grupp ta' kontra jirbaħ.



***Ġbid bil-ħabel (ritratt Skola Primarja Żabbar)***

**Ħriġt bil-qoffa ġo dirgħajja**; Qabelxejn jagħżlu t-tifla tal-berquq u t-tursin, kif ukoll lil Ċiriċellu, dak li jsewwi s-serraturi.

Imbagħad jibdew ikantaw, *"ħriġt bil-qoffa ġo dirgħajja, ħalli naqta' ftit berquq, 'ma jaħasra, x'biċċa ġratli, x'waħda din il-bieb tal-ġnien sibtu magħluq. Ah ah x'biċċa din. Kelli bżonn werqtejn tursin. Ċirċillu, ejja, ejja. Ħalli tara dil-praspura. Jew itkisser, jew itqabbel, jew issewwi s-serratura. Żugraga batti batti. Tagħmel ħoss ta' terremoti. "*It-tfal li jkunu qed jieħdu sehem fil-logħba, jaqbdu id f'id u jibdew iduru dawra durella.

Il-**ħolqa** jew ir-**roll**; Meta ma kinux isibu ċirku, kienu jinqdew bil-**ħolqa** jew ir-**roll**. Kienu jsibu ħolqa tal-ħadid jew tar-ram. Kienu jwaħħluha ma' stikka. Kienu jilagħbu diversi logħob b'din il-ħolqa. Ta' min timxi l-iżjed. Kienu jmexxu l-ħolqa, bil-mod kemm jistgħu u jgħadduha minn postijiet diffiċli. Ta' min jirnexxilu jmexxiha l-aktar bil-mod u ma taqagħlux, jirbaħ. **Kemm-il dawra ddur**, hi varjant ieħor ta' din il-logħba. Kienu jagħmlu ġebla, biex iduru magħha. Kienu jduru madwar il-ġebla, filwaqt li jmejlu kemm jistgħu il-ħolqa. Min jirnexxilu jdur l-aktar numru ta' dawriet, bla ma jwaqqa' l-ħolqa, jirbaħ.

**Ħmir**; Logħba tal-ballun li kienet tintlagħab mill-bniet. Wara li jaqtgħu t-tokk, min jiġi l-ewwel jilgħab il-ballun mal-ħajt. Tħallih jaħbat mal-art, filwaqt li taqbeż, biex jgħaddi minn bejn saqajha, bla ma jaħbat ma' mkien. Wara tmur fl-aħħar tar-ringiela u tilgħab tifla oħra, wara li tkun pronta taqbad il-ballun.



***Ħarba waqt il-Festival ta' Logħob Tradizzjonali Malti***

**Ħarba**; Xi ħadd joqgħod il-qattus. Jista' jkun li jagħżluh permezz tat-tokk, jista' wkoll joqgħod xi ħadd voluntier. It-tfal li jkunu jilagħbu, jibdew jiġru 'l hemm u 'l hawn u madwar il-qattus, biex jinkuh. Hu jibda' jiġri warajhom. Kull wieħed li jaqbad, itih tliet daqqiet fuq il-pala t'idu. Logħba li ddum ħafna tintlagħab. Jirbaħ min ma jinqabad qatt. Jitlef min jinqabad l-aktar drabi.

F'Ħal Kirkop, meta konna żgħar, konna nilagħbu ħarba. Jew niftehmu li nilagħbu ħarba, perezempju fil-misraħ, Triq il-Parroċċa sa Pjazza San Leonardu. Inkella konna niftehmu li nilagħbu ħarba madwar ir-raħal. Din tal-aħħar, kien ikun miskin min kien jiġi biex joqgħod il-qattus. Dan għaliex forsi ż-żgħar kienu jibqgħu fil-qrib, però l-kbar u l-imqarqċin kienu jitilqu jimirħu f'tarf ir-raħal, ħafna drabi jaqbżu fl-għelieqi u jaqtgħu l-frott, jekk kien ikun fi żmienu. Il-qattus kien jispiċċa jew jaqbad li xi ħadd miż-żgħar jew ma kien jaqbad lil ħadd u l-logħba kienet tispiċċa bla ma jinqabad ħadd.

**Ħabel** u **qbiż**; Dan il-logħob kien l-aktar logħob popolari mal-bniet. Tal-inqas, tlitt ibniet jieħdu sehem f'dan il-logħob. Kienu jilagħbu diversi logħob permezz tal-ħabel, bħal **tal-Għarus** jew **Mi Mi Fa.** Ġieli kienu jingħaqdu xi subien mal-bniet biex jgħinuhom idawru l-ħabel, l-aktar jekk il-bniet kienu jkunu xi ftit imfarfrin. Dan biex b'riħet t'hekk is-subien kienu jaqbdu mat-tfajliet. Għax kif jgħid il-Malti, fejn ikun hemm l-għasel tmur in-naħla.



***Ħabel, tpinġija ta' Guido Lanfranco***

**Ħames ċagħkiet** jew **Piżellu**; Din il-logħba tintlagħab kemm biċ-ċagħak, ġebel żgħir, għadam tal-ħawħ, ġewż, ġellewż u lewż. Kienu jqiegħdu ħames ċagħkiet fl-art. Min ikun ser jilgħab, kien jagħmel is-swaba' t'idu l-oħra forma ta' arkata. Meta tibda tintlagħab il-logħba, kienu jgħollu ċagħka minnhom fl-arja u sakemm terġa' taqa' mal-art, kienu jippruvaw idaħħlu kemm jistgħu ċagħak taħt l-arkata tas-swaba, billi jisparawhom b'subgħajhom. Preferibbilment l-aħjar li jdaħħlu ċ-ċagħak kollu taħt l-arkata.

**Logħob tal-Ħanut**; Bosta tfal żgħar kienu jehdew billi jilagħbu tal-ħanut. Kienu jżommu kaxxi, pakketti, fliexken u bosta affarijiet oħra vojta. Xi ħadd kien jagħmlilhom miżien tal-kefef, filwaqt li l-użin kien ikun xi ġebel jew biċċiet tal-metall bħal ċomb. Kienu jużaw ukoll ħamrija, xaħx, ramel u żrar, jimitaw prodotti bħal għaġin, kunserva eċċ. Kienu jarmaw kollox fuq xi mejda u xi ħadd joqgħod ibigħ, filwaqt li l-oħrajn ikunu l-klijenti. Flok flus kienu jużaw buttuni jew biċċiet tal-karti biċ-ċifri tal-flus miktubin. Kienu jqattgħu nofstanhari sħaħ jilagħbu.

**Ħobża u sardina**; Għal din il-logħba jintużaw ċagħak ċatt kemm jista' jkun. Kienu jaqbdu ċ-ċagħka u jitfgħuha 'l barra fuq wiċċ l-ilma baħar, b'tali mod, li meta ċ-ċagħka taqa' ċatta fuq l-ilma, din terġa ttir jew toqmos fuq wiċċ l-ilma, sa ma terġa' tmiss wiċċ l-ilma ftit 'il bogħod. Tibqa' sejra hekk, sa ma tmut is-saħħa tat-tefgħa.

**Ħofra**; It-tfal joħorġu sehemhom għal-logħba. Is-sehem ikun żibġa jew aktar, skont il-ftehim. Titħaffer ħofra fl-art. Tiġi mmarkata linja, il-pożizzjoni minn fejn isir it-tfigħ. Jinqata' t-tokk u skont kif jiġu jibdew jilagħbu, billi min jilgħab, jispara ż-żibġa bis-sebgħa l-kbir. Jekk iż-żibġa taqa' fil-ħofra, tintrebaħ il-logħba u ta' min tkun jieħu ż-żibeġ. Imbagħad jerġgħu jibdew.

**Inwaqqgħuhom**; Logħba li tintlagħab għall-flus jew ħelu. Jitħażżeż sinjal minn fejn jibdew. Il-flus jitqiegħdu weqfin mal-ħajt. Min jilgħab, jixħet il-boċċa lejn il-muniti, dawk li jwaqqa' jirbaħhom.

**Irkieni**; F'din il-logħba jistgħu jilagħbu tfal, wieħed aktar milli jkun hemm irkieni, fil-kamra jew fil-bitħa, fejn ikunu sejrin jilagħbu. Wara li jaqtgħu t-tokk, min jiġi jkollu jibqa' barra, filwaqt li l-oħrajn isibu posthom fl-irkieni. Minn ħin għall-ieħor, dawk tal-irkieni, jibdew jibdlu posthom, b'dak li jkun barra, jipprova jokkupa rokna minnhom għalih.

**Ittra**; Tintlagħab minn dawk it-tfal li kienu jkunu jafu jaqraw. Kienu jinġabru f'żewġ ringieli, dahar ma' dahar. Xi ħadd kien isemmi żewġ ittri, li jkunu l-bidu u l-aħħar ittri ta' xi kelma. L-oħrajn jippruvaw jaqtgħu xi tkun il-kelma. Jekk jaqtgħu l-kelma, dawk li jsemmu l-ittri fil-bidu, kienu jitilqu jiġru, jekk jinqabdu jkollhom joqogħdu huma biex jaqtgħu l-kelma li jkun imiss, jekk ma jinqabdux, jerġgħu jsemmu humà, l-ittri ta' kelma oħra.

**Karru u l-iskuter**; Sa anke fiż-żmien li jiena kont għadni tifel, kont tara għexieren ta' subien żgħar u anke xi ftit imfarfrin, isuqu xi karru tal-ballrejs konna nsejħulhom. Kont tarahom isuqu wkoll xi skuter tal-ballrejs ukoll. Kienu sa jtellqu bihom. Xi xkanatura kont tlaqqat ukoll, iżda meta tkun żgħir tinsa malajr u terġa' ssuq. Il-karru kienu jagħmluh billi joħolqu pjattaform tal-injam. Min-nofs fuq quddiem kienu joħorġu njama. Ma din l-injama jwaħħlu injama magħha bil-fus fin-nofs. Din l-injama jwaħħlu magħha r-roti (*ball bearings*) u fit-tarf iwaħħlu biċċa ħabel, biex minnha jiggwidaw il-karru. Fuq wara kienu jwaħħlu żewġ roti oħra. Ġieli flok



*Il-karru (ritratt Bay retro)*

*ball bearings* kienu jwaħħlu xi sett roti ta' xi siġġu tat-tfal (*pram* jew *pushchair*). Kien hemm min kien jirfina aktar fil-karru, billi jwaħħal magħqad, biex ipoġġi bilqiegħda u jiggwida minn fuqu. L-iskuter kienu jagħmluh billi jagħmlu injama twila xi żewġ piedi (60 cm), b'wisgħa ta' xi sitt pulzieri (15 cm). Kienu jużaw injama oħra wieqfa, b'wisgħa ta' madwar 4 pulzieri (10cm), b'għoli skont it-tul ta' min ikun ser juża l-iskuter. Fuq il-parti ta' fuq tal-injama wieqfa kienu jwaħħlu biċċa injama li kienet isservi bħala maqbad u minn fejn wieħed jiggwida. Il-biċċtejn injama kienu jwaħħluhom flimkien permezz ta' ċappetta tal-ħadid, ħafna drabi kienu jordnawha għand ħaddied. Kienu jwaħħlu rota fuq taħt tal-injama l-wieqfa u oħra fuq wara tal-injama ċ-ċatta.

**Logħob bil-knisja**; Dari, aktarx li l-maġġoranza kbira tas-subien kienu jilagħbu tal-knisja. Kien hemm min kien ikollu biss l-artal, bl-ornamenti bħalma huma gandlieri, tabernaklu, kalċijiet eċċ, aktarx taċ-ċomb, kif ukoll standardi u trieħi tad-drapp. Dawk aktar iffurtunati, kien ikollhom ukoll mudell ta' knisja li kienu jarmawha bid-damask u l-armar ieħor, kollox



***Statwi tat-tafal li jintramaw fil-mudelli tal-knejjes skont il-festa***

bħal knisja vera. Kienu bosta dawk li kienu jbigħu minn dawn il-minjaturi, aktarx taċ-ċomb. Ġieli nqalgħu inċidenti wkoll, b'dan il-logħob tal-knisja, għax ġieli ntesew xemgħat mixgħula u qabbdu n-nar f'xi djar.

**Kuluri**; Tintlagħab bħal-logħba **salib l-art.** Qabel jibdew, it-tfal jagħżlu l-kuluri li għandhom jilagħbu l-ewwel. Meta tkun sejra tilgħab, it-tifla titfa' ż-żibeġ tagħha bejn idejha u ċċekċikhom sewwa. Wara tixħithom fl-art. Tibda tilgħab l-ewwel il-kuluri miftehma. Pereżempju, bajda ma' bajda, ħadra ma' ħadra. Wara li tlesti, tilgħab il-kuluri, il-logħba titkompla bħal-logħba **salib l-art**.

**Il-kuklu**; Din il-logħba tintlagħab l-aktar fejn hemm toroq mhux asfaltati (qed nitkellmu fuq toroq ta' snin ilu). Hemm żewġ logħbiet tal-kuklu. Il-kuklu ta' b'disgħa u l-kuklu ta' b'ħamsa. Din il-logħba tista' tintlagħab kemm mis-subien, kif ukoll mill-bniet. Tintlagħab kemm bil-ġellewż, boċċi u flus. L-art trid tkun watja u nadifa. Jekk tkun kuklu ta' b'disa', jitħaffru disa' toqbiet f'għamla ta' kaxxa tlieta tlieta. Forma ta' ċilindru u fondi, biex jidħol bubun mill-kbar. F'kaz li tkun kuklu ta' b'ħamsa, jitħaffru erba toqbiet, forma ta' kaxxa, f'toqba fin-nofs. Ftit 'il bogħod mit-toqob, iqiegħdu ġebla. Il-logħba tibda, billi wara t-tokk, min jiġi l-ewwel jilgħab lejn il-ġebla mill-ewwel toqba. Min jersaq l-eqreb tal-ġebla, wara li jkejlu, jibda jilgħab hu. Minn fuq il-ġebla, jilgħab għall-ħofor tal-kuklu. Jekk iġib il-boċċa fit-toqba ta' nofs il-kuklu jirbaħ kollox. Jekk iġibha f'xi toqba oħra, jieħu dak is-sehem, li jkun fit-toqba. Il-ħofor ikunu nnumerati. Pereżempju, l-ewwel toqba ssarraf tnejn, it-tieni ssarraf erba' u jkomplu.

**Kelb il-baħar**; Jagħżlu bankina, jekk ma jkunx hemm, iħożżu kaxxa mal-art, dejjem qrib il-ħajt. Dan il-post ikun il-baħar. Wara li jaqtgħu t-tokk, min jiġi jqegħduh il-kelb il-baħar. Dan joqgħod fil-baħar. It-tfal li jkunu jilagħbu, jippruvaw jirfsu fil-baħar. Il-kelb il-baħar, jipprova jagħti daqqa lil min ikun fil-baħar. Lil min imiss, ikollu joqgħod il-kelb il-baħar hu.

**Kangaroo**; Jitħażżu żewġ sinjali, wieħed għat-tluq u l-ieħor għall-wasla. It-tfal joqogħdu f'linja dritta, fuq il-linja tat-tluq. Wara li jinqata' t-tokk, dik magħżula toqgħod il-*leader* u tintefa' f'post, ftit bogħod mill-oħrajn, biex tgħajjat l-ordnijiet. It-tfal jibdew jaqbżu, skont l-ordni li tagħti l-*leader*. Jekk tgħajjat kangaroo, it-tfal jaqbżu bħalma jaqbeż kangaroo, qabża fit-tul. Jekk tgħajjat umbrella, t-tfal iduru darbtejn, imbagħad jaqbżu pass twil. Dik it-tifla li tasal l-ewwel fuq is-sinjal tal-wasla, tirbaħ u ssir il-*leader* hi.

**Kamra**; Din il-logħba tintlagħab billi jiġu mmarkati erba' ċrieki, bogħod minn xulxin. It-tfal li jkun ser jieħdu sehem f'din il-logħba, kienu jinqasmu f'żewġ gruppi, imbiegħda minn xulxin. Min ikun imissu jitfa' l-ballun, kien jitfgħu 'l bogħod kemm jista' jkun, bl-oħrajn jiġru warajh. Min jixħet il-ballun, kien jibda jiġri lejn l-ewwel ċirku, sa ma jirfishom kollha, b'hekk ikun għamel il-wasla jew ikun għamel *home*. Jekk min ikun qabad il-ballun, ma jolqotx lil dak li jkun qiegħed jiġri (li xeħet il-ballun l-ewwel darba), dak ikun jista' jerġa' jagħmel dawra oħra jew aktar minn waħda fuq iċ-ċrieki.

**Kantunieri**; Logħba li tinlagħab f'xi salib it-toroq. Din il-logħba ma tgħoddx għaż-żmien mgħaġġel tal-lum, bil-karozzi joħonqu t-toroq Maltin. Jieħdu sehem f'din il-logħba ħamest itfal. Erbgħa jieħdu posthom wieħed f'kull kantuniera, b'tal-aħħar jibqa' fin-nofs. Tal-kantunieri jkollhom idhom tmiss mal-ħajt. Kull tant ħin, kienu jpartu l-pożizzjoni jew aħjar il-kantuniera tagħhom, kollox bil-ġiri. Ta' nofs it-triq, kien jipprova jieħu kantuniera battala

ta' xi ħadd minnhom. Kien hemm min jilgħab din il-logħba, billi meta jibdew jiġru minn kantuniera għall-oħra, flok tan-nofs kien jipprova jieħu post xi ħadd, kien jistampahom bil-ballun u lil min jolqot, jiħodlu postu.

**Karfusu**; Xi ħadd mit-tfal joqgħod il-Mulej. Dan jew din, jagħżlu lil xi ħadd biex joqgħod karfusu (ix-xitan). Lil xi ħaddieħor jagħżluh biex joqgħod l-anġlu. Bla mal-anġlu u x-xitan jisimgħu, it-tfal kienu jingħataw isem ta' xi kulur. Imbaghad l-anġlu u x-xitan kienu jersqu quddiem il-Mulej u min imissu jitolbu kulur. Jekk dak il-kulur ikun preżenti, kien jintrebaħ minn dak li jkun semmieh. Min jaqta' l-aktar kuluri, kien jirbaħ il-logħba.



*Kastelli bil-ġellewż, tpinġija ta' Guido Lanfranco*



*Kastig, logħba oħra tal-proġett Rulina (ritratt P. Balzia)*

**Kastelli**; F'din il-logħba, min kien jilgħab kien iqiegħed erba' ġellewżiet forma ta' kastell, tlieta taħt u waħda fuqhom. Kienu jagħmlu dawn il-kastelli f'linja dritta. Minn post ftit imbiegħed, min jilgħab, jimmira u jipprova jolqot il-kastelli. Dak li jwaqqgħa jirbħu.

**Kastig**; Jinġabru grupp ta' tfal. Xi ħadd magħżul joqgħod għarkupptejh fl-art, b'wiċċu moħbi mill-oħrajn, biex ma jarax. It-tfal l-oħra jibdew ikantaw, "ara ġejja x-xemx għalik, biex tixwik, biex taqlik, ara ġejja, ara waslet, din id-daqqa min tahielek? "Imbagħad kienu jagħtu daqqa fuq dahar dak baxxut. Dak li jkun baxxut, ikollu jaqta' min ikun tah id-daqqa. Jekk jaqbdu, il-vittma tingħata l-kastig minn għand dak li jkun qala' d-daqqa. Hemm varjant f'din il-logħba. Minflok jgħid "ara ġejja x-xemx għalik", jgħidu *"ara ġejja l-mewt għalik"*.

**Kaxxa**; Kienu jimmarkaw kaxxa fl-art, b'xi zokk joborxu l-art. Iqiegħdu fiha boċċi, ġellewż, lewż, skont biex ikunu sejrin jilagħbu. Minn post immarkat, wara li jaqtgħu t-tokk, kienu jixħtu l-boċċa. Dak li jintlaqat u joħroġ mill-kaxxa, jintrebaħ minn min ikun xeħet il-boċċa.

**Kemm Għandi?**; Din il-logħba kienet tintlagħab bil-piżelli, ful, żrar, fażola, basta xi ħaġa żgħira. Min ikun imissu, idawwar idejh wara dahru. Xi ħaddieħor imur warajh u jieħu kemm ifettillu, minn dak li jkunu qed jilagħbu bih. Imbagħad imur quddiem min ikun imissu jaqta' joħroġ idejh 'il barra u dak li jkun imissu jaqta', kien jibda jaħseb, wara jfajjar numru. Jekk jaqta' l-ammont fi kwantità li jkun hemm f'idejn l-ieħor, ikun imissu jaħbi hu.

**Kukkużejt**; Kienet issir tellieqa, bil-parteċipanti jerfgħu kukkużejt lil xi ħadd fuq daharhom. Kienet logħba popolari ħafna.

**Karozzi tal-injam**; Min kien ikun iffurtunat u jkollu lil xi ħadd jiġi minnu mastrudaxxa jew dilettant jaħdem fl-injam, kien ikollu lil min jaħdimlu xi karozza tal-injam għal-logħob. Oħrajn kienu jixtrulhom xi karozza mingħand xi mastrudaxxa jew minn xi ħanut.

**Liema id?**; Logħba sempliċi, però kienu jilagħbuha ħafna. Tifel jew tifla, kienu jaħbu xi ħaġa żgħira f'idejhom wara daharhom u jdawwu jdejhom fuq quddiem. Min ikun qiegħed jilgħab, irid imiss l-id li jaħseb li fiha jkun hemm moħbi l-oġġett li jkun qed jilagħbu bih. Jekk jaqta' fejn ikun moħbi l-oġġett, ikun imiss lilu li jaħbi u ħadd ieħor irid jaqta.

**Il-laqta**; Hija fuq il-boċċi tal-oħrajn kollha. Logħba li tintlagħab bil-boċċi jew kif isejħulhom ġewwa Għawdex, ġakkijiet. L-art m'hemmx għalfejn tkun lixxa. Jaqtgħu t-tokk. Min jiġi l-ewwel jilgħab il-boċċa tiegħu, tiġi fejn tiġi. Min ikun imissu jilgħab tiegħu, tiġi fejn tiġi, basta ftit 'il bogħod mill-boċċa tal-ieħor. Wara li jilagħbu kollha, tal-ewwel ikun jista' jilgħab fuq il-boċċa tal-oħrajn. Dak li jolqot jirbħu. Min jitlef il-boċċa jkun jista' jagħżel, jew jitlaq u jispiċċa mil-logħba, jew inkella jerġa' jidħol u jkompli jilgħab billi juża boċċa oħra.

**La Maltija** jew **il-Maltija**; Wara li joħorġu sehemhom f'buttuni, kienu jaqtgħu t-tokk. Dak li jiġi, jieħu l-buttuni u jqegħidhom fil-qiegħ t'idu. Jgħollihom u jrid jrid jerġa' jilqagħhom fil-wiċċ t'idu. Dawk li jaqgħu fl-art, ikollu jiġborhom b'żewġt iswaba. Warajh jilgħab min ikun imissu.

**Il-logħba tat-tibna**; Din il-logħba tintlagħab fir-ramel, kemm ħdejn il-baħar, kif ukoll f'dak in-naqal li jinġabar mal-wied, wara li tagħmel ix-xita. It-tfal li jkunu sejrin jieħdu sehem fil-logħba, jinkupplaw ftit ramel, jibnu speċi ta' koppla. Imbagħad isibu tibna ftit ħoxna u jwaħħluha fuq. Wara li jaqtgħu t-tokk, jibdew jilagħbu, billi kull tifel li jilgħab, irid ineħħi ftit ramel mill-gozz li jkun bena. Jibqgħu ineħħu ftit ftit, sa ma xi ħadd minnhom iwaqqa' t-tibna. Imbagħad ikomplu, billi jwittu l-gozz li jkun fadal, forma ta' għalqa u jagħmlu diversi singi, bħal raddi. Min jilgħab, jaqbad tibna, jgħolliha 'l fuq u jitlaqha, biex tiġi fir-radda. Jekk ma taqax fir-radda, jerġa' jipprova sa tliet darbiet. Meta t-tibna tiġi fir-radda, dak li jkun waqqagħha minn fuq il-koppla tar-ramel, ikollu jiġborha bi snienu jew ilsienu.

**Lembut u tliet soldi**; Tintlagħab ħdejn il-baħar u jistgħu jieħdu sehem bosta subien. Jagħmlu xi ħaġa forma ta' lembut u jdaħħluh bejn il-malja u żaqq xi wieħed minnhom li jkun imissu jilgħab. Xi ħadd iqegħidlu munita fuq rasu, f'dan il-każ, kienet tkun munita ta' tliet soldi. Dak li jkun ser jilgħab, jibda jressaq il-munita lejn moħħu, biex meta tasal fit-tarf jipprova jżerżaqha għal ġol-lembut. Jekk taqa' fil-lembut jirbaħha, jekk taqa' fl-art, jagħti l-lembut lil sieħbu, biex jittanta xortih hu. Issa waqt li jkun qiegħed jipprova jżerżaq il-munita għal ġol-lembut, it-tfal l-oħra kienu jimlew il-bramel jew bottijiet bl-ilma baħar u jwaddbuh fil-lembut, biex lil dak li jkun jilgħab ifixkluh u jtellfulu l-konċentrazzjoni.

**Liema nieħu?**; Meta kienu jiltaqgħu grupp kbir ta' tfal u biex jilagħbu, kien ikollhom jinqasmu f'żewġ gruppi, kienu jaqtgħu t-tokk biex jintgħażlu żewġ kaptani. Wara, il-kaptani kienu jagħżlu huma lil min iridu fil-grupp magħhom. Biex jagħżlu kienu jibdew ikantaw, *"qasba qasba tas-sultan, liema nieħu? Nieħu 'l dan? Lil dan ma rridux. Irrid lil dan. Debba debba tas-*

*sultan, liema nieħu? ...rizza rizza Sant'Antnin, liema nieħu? Nieħu lil din. Lil din ma rridhiex, irrid lil din".* Lil min imissu, imur mal-grupp tagħhom.

**Il-logħba tal-għuda**; Kienu jħożżu tliet sinjali, dawra fin-nofs fejn iqiegħdu l-għuda. Iż-żewġ linji l-oħra, linja kull naħa tad-dawra tal-għuda, jħożżuhom madwar 900 ċentimetru bogħod minnha. Dawn iż-żewġ sinjali jissejħu l-belt. Imbagħad it-tfal jinqasmu f'żewġ gruppi. Kull tifel ta' kull grupp, kien jagħżel lis-sieħeb tiegħu mill-grupp l-ieħor u jingħataw numru. Tifel minnhom kien joqgħod mal-ġenb. Xogħlu jkun li jsejjaħ u li jżomm il-punteġġ. Dak il-par li jkun imissu jilgħab, kienu kull wieħed joqgħod għal-lest fuq il-belt tiegħu. Meta dak tan-nofs isejjaħ numru, kienu joħorġu t-tfal b'dak in-numru. Dawn joħorġu u b'ġirja waħda jmorru biex jaħtfu l-għuda. Ġeneralment, kienu jaslu flimkien, allura kienu jibdew iduru madwar l-għuda, jagħmlu l-mossi lil xulxin, sa ma wieħed minnhom, jaljena lill-ieħor u jaħtaf l-għuda u jitlaq jiġri biha fil-belt tiegħu. Jekk dak li jieħu l-għuda, sa ma jasal fil-belt tiegħu, jilħaq imissu t-tifel rivali tiegħu, dak li jmiss lill-ieħor jirbaħlu punt. Jekk jirnexxilu jidħol bla ma jintmess, jieħu punt hu. Jirbaħ il-grupp li jirnexxilu jirbaħ għaxar punti l-ewwel.

**Il-logħba tan-nanna**; Kienu jagħżlu lil xi ħadd, probabbli xi tifla, biex toqgħod dik li ssakkar lil sħabha. Wara t-tokk, jagħżlu tifla biex toqgħod fil-bieb. Dik tal-bieb tibda tgħidilhom, "morru keċċu t-tiġieġ". It-tfal jitbiegħdu xi ftit. Imbagħad jibdew waħda tistaqsi u l-oħrajn iweġbuha, *"mortu għand in-nanna? Iva. X'tatkom? Biċċa ħobż biż-żejt u t-tadam. Ħallejtuli biċċa? Iva. Fejn hi qiegħda? "Fis-sema. Biex nitla? Bis-sellum imkisser. U jekk naqa'? Aħjar għalik.* "Imbagħad it-tfal kienu jinfaqgħu jidħku u jaħarbu jiġru b'dik tal-bieb tiġri warajhom. Kif taqbad lil xi ħadd, tieħdu fil-bieb, taparsi tibda taqflu u tibda tgħid, *"flikk flikk. Ġewwa int.* "jispiċċaw il-logħba, wara li taqbadhom kollha.

***London bridge***; Logħba li tixbah ħafna lil-logħob anġlu u x-xitan, anġlu u karfusu, platt tad-deheb u mgħarfa tal-fidda. Jintgħażlu żewġt itfal li joqogħdu faċċata ta' xulxin. B'idejhom jiffurmaw bħal pont. It-tfal l-oħra joqogħdu ringiela u jibdew jgħaddu minn taħt il-pont, waqt li jkantaw it-taqbila li għandha x'taqsam mat-taqbila bl-ingliż, *"London bridge is falling down, falling down, falling down. London bridge is falling down, my fair lady",* għal bosta drabi. Meta tissemma l-kelma *lady*, it-tfal li jkunu jiffurmaw il-pont b'idejhom, iniżżlu jdejhom 'l isfel u jaqbdu lil dik it-tifla li tinzerta għaddejja dak il-ħin. Kienu mbagħad jgħidulha f'widnitha, *"xi trid pupa jew pupu? "*Skont ma twieġeb, kienet tmur u toqgħod wara waħda mit-tfal, li bi ftehim minn qabel tibda l-logħba, kienu jagħżlu biex joqogħdu l-pupa u l-pupu.

**Lupu lupu;** It-tfal jinġabru madwar tifel jew tifla, li jkun taparsi qiegħed iħaffer ħofra, waqt li jibdew ikantaw, "lupu lupu, x'inti tagħmel?" hu jwieġeb, "qed inħaffer ħofra." Huma jistaqsuh, "Il-ħofra għalfejn?" hu jwieġeb, "Għall-misħun." Huma jerġgħu jistaqsuh, "Il-misħun għalfejn?"Hu jwieġeb, "għas-skieken." "Huma jerġgħu," u s-skieken għalfejn?" hu jerġa' jwieġeb, "biex noqtolkom," filwaqt li jqum għalihom u jitlaq jiġri warajhom. Lil min jirnexxilu jaqbad, ikollu joqgħod il-lupu. Il-logħba kienet terġa' tibda.

**Il-*master***; Din il-logħba tintlagħab kemm għall-boċċi, flus, ġellewz, kupuni u premjijiet oħra. Iħożżu sinjal, minn fejn ikunu sejrin jilagħbu. Taħt ġebla ċatta, msejħa l-master, imqiegħda xi tnax-il pass jew aktar 'il bogħod mis-sinjal tal-logħob, iqiegħdu s-sehem tagħhom tal-logħba. Kull min ikun sejjer jilgħab, isib ġebla ċatta kemm jista' jkun. Din tissejjaħ ċappella. Wara t-tokk, jibdew jilagħbu, billi jwaddbu ċ-ċappella lejn il-*master*. Min jirnexxilu jtajjar il-master

u ċ-ċappella tiegħu tieqaf flok il-*master*, jirbaħ kollox. Jekk dak li jkun hemm taħt il-*master*, jinxtered meta jittajjar il-*master*, dawk li jiġu l-eqreb lejn iċ-ċappella jirbaħhom.

***Master* għar-rikba**; Din il-logħba tintlagħab għar-rikba. Min jitlef ikollu jrikkeb lir-rebbieħ u jkollu jwasslu sal-post li jkunu ftehmu minn qabel. Il-logħba tintlagħab bħall-master, però jilagħbuha bejn tnejn.

**Missulħa**; Biex tilgħab u tirbaħ f'din il-logħba, trid tkun timmira sewwa. Jitpinġa sinjal, minn fejn jinbeda l-logħob. Jinqata' t-tokk. Min jiġi jqiegħed munita ftit 'il bogħod mis-sinjal. Min imissu jilgħab, jibda billi jwaddab lewża mill-għoli, biex jipprova jolqot il-munita. Jekk il-munita ma tintlaqatx, jirbaħ il-lewża, dak li jkun qiegħed il-munita. Min jolqot il-munita jirbaħha.

**Maktur**; Kienu jinqasmu fi gruppi żgħar, ta' xi erbgħa kull wieħed. Kienu joqogħdu grupp kull naħa. Kull grupp kien jingħata numru. Xi ħadd kien joqgħod fin-nofs u jżomm f'idu maktur jew biċċa ċarruta. Tan-nofs kien jgħajjat numru. Skont in-numru li jgħajjat, kienu joħorġu t-tfal ta' dak il-grupp u jippruvaw jieħdu l-maktur minn idejn dak tan-nofs.


*Tal-Maktur waqt il-Festival ta' Logħob Tradizzjonali Malti*

**Mamma**; Kienu jqiegħdu sehemhom, bħal ġellewż, lewż jew inkella boċċi, skont kemm jiftehmu, f'ringiela dritta. Quddiem il-filliera kienu jqiegħdu waħda għaliha waħedha, il-mamma. Jaqtgħu t-tokk. Jilagħbu skont kif jiġu. Dak li jtajjar mil-linja, jirbaħhom. Dak li jtajjar il-mamma, jirbaħ kollox hu.

**Logħob tal-mamà**; Kienu jilagħbu l-logħba tal-mamà, billi jimitaw ix-xogħol li kienet tagħmel ommhom, bħal issajjar, ħasil tal-ħwejjeġ, tbiddel lit-trabi eċċ.

**Marija Ġulja**; Tfal żgħar l-aktar li kienu jilagħbu din il-logħba. Kienu jinġabru qaqoċċa b'waħda minnhom toqgħod fin-nofs. Kienu jkantaw, *"O Marija Ġulja oqgħod għarkupptejk, ħares lejn is-sema, ara min għaddej, għaddej Ġesù Bambin, qalb il-ward u l-ġiżimin, il-Madonna kellha tifel, semmietu Ġesù Bambin. "*Dik tan-nofs imbagħad kienet tagħmel sinjal lil xi ħadd mit-tfal biex jersaq lejha, taparsi Ġesù Bambin u tgħannqu magħha.

**Melħ abjad**; Logħba xi ftit jew wisq bla sugu, però t-tfal iż-żgħar, kienu jħobbu jilagħbuha. Grupp ta' tfal joqogħdu bilqiegħda. Tifel kien joqgħod iż-żiemel, filwaqt li xi ħaddieħor kien joqgħod il-kuċċier. Iż-żiemel kien jinstaq b'xi biċċa ħabel jew spaga ħoxna, mgħoddijja minn wara l-għonq, għal taħt l-apt u tinġibed lura, taparsi riedni. Iż-żiemel u l-kuċċier kienu jitilqu. Xi ħadd mit-tfal kien imur jistaħba. L-oħrajn imbagħad jibdew jgħajtu, "melħ abjad." Il-kuċċier jerġa lura u jistaqsi għal-maħrub. Kienu jgħidulu li kien mar xi mkien. Il-logħba tkompli, billi dejjem

jistaħba xi ħadd u l-kuċċier dejjem jistaqsi għal dawk moħbija. Meta mbagħad jistaħba kulħadd, dawn joħorġu f'daqqa, filwaqt li jgħajtu, *"melħ abjad"* u jitilqu jiġru biex jaqbdu ż-żiemel.

**Moħba**; F'din il-logħba, kienu jieħdu sehem żewġ gruppi ta' tfal. Kienu jużaw xi ħaġa, bħalma hi xi frotta jew biċċa injama. Wara li jaqtgħu t-tokk, min jiġi joqgħod għassa mal-oħrajn, sa ma wieħed minnhom imur jaħbi l-oġġett. L-oħrajn kollha kienu jibdew ifittxu. Jekk l-oġġett jinstab, il-logħba tinbidel.

**Nannu xiħ**; It-tfal iduru madwar tifel u jibdew jistaqsuh, *"nannu xiħ, x'inti tagħmel?"* huwa jwieġeb, *"qed inħaffer ħofra."* Huma jistaqsuh, *"il-ħofra għalfejn?"* hu jgħidilhom, *"biex nilgħab."* Huma jistaqsuh, *"u tilgħab għalfejn?"* huwa jwieġeb, *"biex ngħati daqqa 'l wieħed minnkom u nieklu."* Kien imbagħad jitlaq jiġri warajhom u lil min jaqbad imut u jispiċċa mil-logħba. Jerġgħu l-istess, sa ma jibqa' wieħed biss li jkun ir-rebbieħ.

**Nannu xiħ**; Kienu jkantaw ukoll, *"nannu xiħ, nannu xiħ, bil-kabozza u bid-dulliegħ, ħu dassiġġu u fuqu strieħ. Nannu xiħ, nannu xiħ, ar' waqagħlek il-muftieħ, titbaxxiex ħa niġbruhulek u int tgħidilna għall-erwieħ."* Meta tispiċċa l-għanja jew taqbila, in-nannu kien jaħrab jiġri wara t-tfal. Lil min jaqbad, jagħtih tliet daqqiet ta' bastun. Min jinqabad jieħu l-bastun u jsir hu in-nannu.

**Noli** (**tula ba**); Logħba komuni, għad hawn tfal li jilagħbuha. Jinġabru grupp ta' tfal u jaqtgħu t-tokk. Min jiġi joqgħod biha. Kienu jħożżu sinjal ma ħajt, b'xi ġebla, li jsejħulha l-galletta. Dak biha, idur wiċċu mal-ħajt, jgħatti wiċċu bil-minkeb mal-galletta u jibda jgħodd, skont kemm ikunu ftehmu. Meta jlesti mill-għadd, idur u jgħajjat "ħiereġ". Imur ifittex lil dawk li jkunu nħbew, però jibqa' għajnejh fuq il-galletta. Dan għaliex, jekk wieħed minn dawk moħbija joħroġ mill-moħba u jfaqqa' wieħed, tnejn, tlieta, fuq il-galletta, dan jeħodhielu u jkollu jerġa' joqgħod biha hu. Dak biha, lil min jara l-ewwel wieħed, ikollu joqgħod biha. Wara kull wieħed li jara, dak biha iħabbat tlieta fuq il-galletta.

**Noli bott**; F'postijiet fejn ikun hemm toroq imtarrġin, kienu jilagħbu noli l-istess bħal-logħba ta' qabel din, però meta jgħodd in-numri miftehma, kienu jwaddbulu bott għan-niżla, biex jinżel jiġri warajh, sa ma jistaħbew kollha. Kif jaqbad il-bott, jibda jfittex lil dawk mistoħbija, filwaqt li jitlaq jiġri lejn il-galletta.

***One, two, three, turn***; Xi ħadd joqgħod wiċċu mal-ħajt. Sħabu joqogħdu linja dritta warajh. Jibdew jimxu lejh. Dak ta' wiċċu mal-ħajt jgħajjat,*"one, two, three"* u jdur. Ta' warajh ikollhom jieqfu u jibqgħu dritti, bla ma jiċċaqilqu u joqogħdu serji. Dak ta' mal-ħajt jibda jipprova jdaħħakhom. Min jidħak jew jiċċaqlaq jitlef.

**Nieklu**; Varjazzjoni tal-logħba trija.

**Ordnijiet**; Kienu jiktbu xi ordnijiet fuq biċċiet tal-karti. Wara jintefgħu kollha f'borża. Xi ħadd imbagħad itella' karta minnhom. Skont l-ordni li jkun hemm miktuba fuq il-karta, ikollu jaġixxi. Kienu jkunu ordnijiet taċ-ċajt. Kienu joqogħdu jidħku b'dak li jkun qiegħed jobdi l-ordni.

**Passju**; Logħba popolari ħafna, l-aktar mal-bniet. Kienu jħożżu disa' taqsimiet mal-art, b'xi ġebla jew ġibsa. Kull taqsma kienu jagħtuha numru. Min jilgħab kien jitfa' l-ġebla fuq in-

numru li jkun imiss, filwaqt li taqbeż fuq żewġ saqajn, jekk fuq in-numru wieħed u t-tnejn. Fuq in-numru tlieta taqbeż fuq sieq waħda. Fuq l-erbgħa u l-ħamsa, taqbeż fuq żewġ saqajn. Fuq is-sitta taqbeż fuq sieq waħda. Fuq is-sebgħa u fuq it-tmienja taqbeż fuq żewġ saqajn, fl-aħħar fuq id-disgħa taqbeż fuq sieq waħda. Iddur fuq sieq waħda u terġa tibda taqbeż bil-kontra fuq in-numri bl-istess konsegwenza u mod. Jekk tkun ser taqa' u tniżżel iż-żewġ saqajn, fejn suppost tkun fuq sieq waħda, din titlef.



*Il-passju waqt il-Festival ta' Logħob Tradizzjonali Malti*

**Pajx kukka**; Jinqata' t-tokk. Min jiġi jibqa' bilwieqfa. L-oħrajn jinżlu kokka mal-art, imbegħdin minn xulxin. Dak li jibqa' bilwieqfa, jibda jdur madwaru. Dawk li jkunu kokka, jibdew iqumu bilwieqfa u jinżlu malajr, biex dak ta' bilwieqfa, il-pajx (ġejja mill-kelma pejxu-qattus) ma jaqbadhomx lil dawk li jkunu qamu bilwieqfa. Il-pajx ikun qiegħed jagħmel ħiltu kollha biex jaqbad lil xi ħadd. Jekk jaqbad wieħed, jibdlu l-pożizzjoni.

**Pajx id-dell**; Tintlagħab fix-xemx. Biex il-pajx jaqbad lil xi ħadd, irid jirfislu d-dell, għalhekk tintlagħab fix-xemx.

**Pajx għoxrin**; Tintlagħab qalb is-siġar, l-aktar tal-ħarrub. Tintlagħab fuq l-istess sistema tad-daqqa ċieda, però 'l min imiss il-pajx, il-mimsus ma jistax jibda jmiss mill-ewwel, iżda jkollu jgħodd sal-għoxrin. Biex jaħarbu mill-pajx, it-tfal jixxabtu mas-siġar.

**Pajx l-art**; Jekk min ikun jilgħab, imiss l-art b'idu, il-pajx ma jkollux il-jedd għalih. It-tfal jibdew iqumu u jiġru, filwaqt li jinku lil pajx. Meta joqrob lejhom imissu l-art.

**Pajx sinjal**; Jilagħbu din il-logħba, billi jużaw linja, mħażża jew xi fil tal-madum. Kull min ikun jilgħab, irid il-ħin kollu jirfes il-linja. Jekk xi ħadd jinqabad ineħħi siequ minn fuq il-linja, anke jekk ma jmissux il-pajx, ikollu joqgħod il-pajx hu.

**Platt tad-deheb u mgħarfa tal-fidda**; Jintgħażlu żewġ kaptani. Imbagħad isir il-ftehim, min minnhom sejjer joqgħod il-platt tad-deheb u minn sejjer joqgħod l-imgħarfa tal-fidda. Imbagħad joqogħdu faċċata ta' xulxin u bi jdejhom jiffurmaw bħal arkata. It-tfal l-oħra joqogħdu f'ringiela wara xulxin, xi għaxar passi bogħod. Wara jitilqu wieħed wieħed u jgħaddu minn taħt l-arkata. Malli jaslu taħt l-arkata, jitwaqqfu u jistaqsuhom, *"int xi trid, platt tad-deheb jew mgħarfa tal-fidda?"* Skont ma jwieġeb jintbagħat wara min ikun il-kaptan. Meta t-tfal jgħaddu kollha minn taħt l-arkata, jingħaddu. Jirbaħ min minnhom ikollu l-aktar tfal warajh.

**Pizzi pizzi kamillo**; Logħba tat-tfal żgħar. Kienu jaqtgħu it-tokk, min jiġi joqgħod jgħodd fuq is-swaba. It-tfal jintasbu dawra tond fl-art. Min ikun sejjer jgħodd kien joqgħod f'nofs id-

dawra tond. Kull tifel/tifla joħroġ sebgħu l-werrej u jqegħduhom ħdejn xulxin. Dik jew dak li jkun jgħodd, jibda jgħodd billi jgħid, *"pizzi pizzi kamillo, eppija epipo, mala ġiggifo,"* fuq min tiġi l-aħħar sillaba toħroġ sebgħa ieħor. Imbagħad jerġgħu jgħoddu, jibqgħu sejrin hekk, sa ma xi ħadd minnhom jiftaħ il-ħamest iswaba' tiegħu.

**Pizzi pizzi kanda**; Tintlagħab l-istess bħal pizzi pizzi kamillo, però meta jqabblu kienu jqabblu, *"pizzi pizzi kanda, kemm inħobbha 'l dik Sant'Anna tal-Muxin, ġibli porga pellegrin, mgħarfa tal-fidda, bandiera tal-ħarir, torok kanalja, insara qaddisin, ħawt tal-ilma mbierek, mnejn jixorbu n-nies fqajrin. Pizzi pizzi kanda, kemm inħobbha 'l dik Sant'Anna tal-Mulej, ġibtli porga mill-ebrej, mgħarfa tal-fidda, bandiera tal-ħarir, ħawt tal-ilma mbierek, mnejn jixorbu t-tfal fqajrin."* Kienu jibqgħu jilagħbu, sa ma xi ħadd jirnexxilu jiftaħ il-ħamest iswaba' jew għaxra, skont kemm ikunu ftehmu. Meta konna tfal, din il-logħba konna nilagħbuha, però konna ngħidu, *"pizzi pizzi kanna, Dolores ta' Sant'Anna, Sant'Anna tal-Bambin, ġibli porga Pellegrin."*

**Pupa u tal-mamà**; Il-bniet iħobbu jilagħbu tal-mamà bil-pupi li jkollhom, taparsi wliedhom.

**Pasturi**; Jintgħażel tifel, biex joqgħod l-Imgħallem. Jintgħażlu tnejn oħra, biex wieħed joqgħod l-anġlu u l-ieħor joqgħod ix-xitan. Lill-oħrajn jagħtuhom l-ismijiet tal-pasturi, bħall-għaġġieb, ix-xabbatur u l-għannej. L-Imgħallem kien imbagħad isejjaħ ħdejh lill-anġlu u lix-xitan. Dawn jibdew isejħu lill-pasturi, jekk ikun hemm it-tali pastur, jieħdu min ikun għajjatlu.

**Pietru Ġann**; Kienu jinġabru madwar mejda. Jqiegħdu jdejhom ix-xellugija fuq xulxin. Meta jlestu mbagħad iqiegħdu l-leminija, fuq xulxin. Kienu jibdew jgħannu, "Ġann Ġann, Pietru Ġann, bit-trumbetta u t-turban, igdimha u busha fuq it-toppu tal-għarusa," mill-wiċċ jibdew ineħħu jdejhom waħda waħda, jigdmuha, ibusuha u jpoġġuha fuq spallet dak ta' ħdejhom. Meta jlestu kollha u jiffurmaw ċirku tond, kienu jerġgħu jibdew jgħannu, *"Ninu, Ninu, tal-Milied, ommi għamlet il-qagħqiet, il-qagħqiet tal-qastanija, Santu Rokku għat-tiġrija."* Din il-logħba kienet tintlagħab is-sena kollha, mhux fil-Milied biss. Ġieli kienu jżidu mal-għajjat, "ga ga ga, bit-toppu bit-tiga, igdimha u busha, fuq it-toppu tal-għarusa".

**Pinen**; Meta kienu għadhom jiktbu bit-tokka, il-pinen kienu ferm komuni. Kienu jdeffsu l-pinna ġol-klamar tal-linka u jiktbu, biċ-ċaflis u t-tidlik kollu, l-aktar dawk it-tfal li jkunu għadhom fil-bidu, fl-użu tat-tokka. Il-pinen kienu jispuntaw ħafna, l-aktar f'idejn il-prinċipjanti. It-tfal kienu jfaddlu l-pinen spuntati li kien ikollhom, biex jilagħbu bihom, jew aħjar biex jilagħbu għalihom. Kienu jiftehmu fuq kemm pinen sejrin jilagħbu. Dawn iqegħduhom kollha fl-istess pożizzjoni, ngħidu aħna il-vojt tal-pinen 'il fuq. Min jilgħab kien jagħfas il-pinna b'sebgħu. Din għal ftit ħin teħel ma' sebgħu. Meta mbagħad taqa', din trid terġa' tiġi fil-pożizzjoni li jkunu ftehmu fuqha.

**Pizzi pizza kanna**; Kienu jintasbu fl-art. Kienu joħorġu s-swaba' ta' id minnhom. Xi ħadd kien jibda jtenni, "Pizzi, Pizzi kanna, Dolores ta' Sant'Anna, Sant'Anna tal-murina, ħabba biċċa pellegrina." Kull sillaba jmexxi sebgħu minn fuq suba' għal fuq ieħor.



***Pizzi pizzi kanna mill-proġett Rulina (ritratt P. Balzia)***

Kif jispiċċa l-aħħar sillaba, kien jieqaf fuq dak is-subgħa li jkun wasal. Min jispiċċa bis-swaba kollha mdaħħlin il-ġewwa, kien jitlef, s'intendi min jibqa' bl-aħħar subgħa l-barra kien jirbaħ.

**Pulizija u ħallelin**; L-istess logħba bħal gwerra Franċiża.

**Pupi**; Logħba tat-tfal żgħar. Xi tfal jitilgħu fuq tarġa fil-għoli aktar mill-oħrajn, taparsi pupi f'armatura ta' ħanut. Xi ħadd kien joqgħod ix-xerrej u ħaddieħor kien joqgħod tal-ħanut. Meta xi xerrej jagħżel pupa, kien taparsi jagħtiha l-ħabel u l-pupa tibda tiċċaqlaq, timxi u xxejjer idejha.

**Pupi tad-drapp**; Il-kbar kienu jħitu jew jixtru liż-żgħar pupi tad-drapp. Il-bniet kienu jilagħbu diversi logħob, jimitaw lill-kbar taparsi jrabbu lit-trabi (il-pupi). Kienu saħansitra jraqqdu l-pupi fis-sodda magħhom.

**Qabża**; Min jilgħab kien ikollu joqgħod baxx, b'idejh fuq irkupptejh. Ta' warajh jiġi bil-ġirja u jaqbeż minn fuq dahar dak fil-baxx, filwaqt li jitfa' jdejh fuq dahru. Ġieli kienu jiffurmaw żewġ gruppi u jibdew jaqbżu wieħed wara l-ieħor, itellqu min ilesti l-ewwel.

**Qattus u ġurdien**; Jaqtgħu t-tokk. Min jiġi joqgħod il-qattus. Imbagħad jibda jiġri wara sħabu l-ġrieden. Lil min imiss jgħidlu *"you cat"* u jkollu joqgħod il-qattus hu, biex jaqbad lil xi ħaddieħor.

**Il-qriba**; Għal din il-logħba, jużaw l-istess proċedura bħal-logħba l-oħra, però flok iqiegħdu l-boċċi sehemhom ġol-kaxxa, iqegħduhom f'dawra tonda. Jilagħbu bis-sistema tat-tira. Min jasal l-eqreb, jirbaħ.

**Qabbuż**; Din il-logħba taż-żibeġ, hija bħal salib l-art, però itqal. Tintlagħab bħal salib l-art, però ż-żibeġ tkun trid tgħaddihom minn bejn tnejn oħra u hija diffiċli ħafna. Jekk meta t-tifla tilgħab iż-żibeġ tagħha u tgħaddihom minn bejn l-oħrajn tirbaħhom. Jekk tolqot xi waħda mit-tnejn magħżula, titlef. Il-logħba tkompli bħal salib l-art. Kull tifla jkollha tibda bil-qabbuż, biex tkompli l-logħba.

**Qroqqa**; Wara li jaqtgħu t-tokk, min jiġi jkollu joqgħod il-qroqqa. Kienu jilagħbu għall-ħelu, ġewż, lewż, boċċi, li kienu jirrappreżentaw il-bajd tal-qroqqa. Iqiegħdu n-numru ta' affarijiet miftehma u tibda l-logħba. Ikunu jridu jdaħħlu jdejhom taħt il-qroqqa, biex jisirqu minn dak ta' taħtha. Lil min tmiss il-qroqqa jmut. Jirbaħ min jirnexxilu jieħu xi bajda. Jekk il-qroqqa toqtolhom kollha, tieħu kollox hi.

**Qu ququ**; Meta konna żgħar, konna nilagħbu logħba li konna nsejħulha qu ququ. L-aktar li konna nilagħbuha kien, meta kien ikollna l-prattika tal-kor, fi żmien il-kappillan Dun Anġ Vella. Konna ninġabru qabel ħafna ma nibdew il-kor. Xi ħadd kien joqgħod quddiem il-knisja, mal-ħajt tad-dar tal-kappillan u l-bqija li jkunu jilagħbu kienu jmorru wara fid-diq (fid-dejjaq ta' wara l-knisja). Dak li jkun quddiem il-knisja kien jgħajjat ***qu*** jew ***ququ***. Jekk jgħajjat ***qu***, dawk ta' wara l-knisja riedu joħorġu min-naħa ta' Triq il-Kbira, jekk kien jgħajjat ***ququ***, kienu jridu joħorġu min-naħa ta' Triq San Anard. Jekk xi ħadd kien joħroġ ħażin kien jitlef. Tant konna nintilfu fil-logħob li għall-kor konna nidħlu tard jew ġieli ma konna nidħlu xejn. Fl-aħħar il-kappillan spiċċa li keċċa mill-kor tliet kwarti minna.

***River***; Grupp ta' tfal joqogħdu linja mal-ħajt. Xi ħadd magħżul jibda jagħti l-ordni. Jekk dak magħżul jgħajjat, *"on the line"*, it-tfal ikollhom joqogħdu dritti, bla ma jiċċaqilqu. Jekk dak jgħajjat, *"on the river"*, it-tfal jibdew jitbandlu u jiċċaqilqu qishom qegħdin fuq dgħajsa. Min jitfixkel jinqala' barra mil-logħba. Jirbaħ min kien jibqa' l-aħħar. Min jagħti l-ordnijiet, kien jipprova jfixkel lill-oħrajn, billi jagħti ordnijiet f'xulxin u mgħaġġlin. Min jirbaħ il-logħba, joqgħod jagħti l-ordnijiet.

**Rikba**; Jilagħbuha żewġt itfal. Kull wieħed jagħżel ġebla. Jaqtgħu t-tokk, min jiġi biha, jitfa' l-ġebla tiegħu fejn irid hu. L-ieħor jilgħab tiegħu, mill-istess post li jkun lagħab sieħbu, però f'liema post irid hu. Wara jilagħbu mill-post fejn tkun il-ġebla. Jekk jirnexxilu jolqot il-ġebla ta' sieħbu, imur għall-ġebla tiegħu u biha f'idu jressaq il-ġebla ta' sieħbu għal tliet darbiet. Imbagħad jixħet il-ġebla tiegħu fuq ta' sieħbu u jipprova jixħitha 'l bogħod kemm jista' jkun, b'kemm ittih saħħtu. Jekk jolqot il-ġebla ta' sieħbu, jkun jista' jieħu rikba fuq dahar sieħbu minn ġebla sa ġebla.

**Skorra**; Iħożżu kaxxa fuq art nadifa. Fiha jpoġġu sehemhom f'ġellewż forma ta' gastelli (kastelli- tlieta taħt u waħda fuqhom). Wara li jaqtgħu t-tokk, jibda jilgħab min jiġi l-ewwel, billi jitfa' l-boċċa tiegħu lejn il-kaxxa. Fejn jasal, iħożż sinjal. Ta' warajh jagħmlu l-istess, però jippruvaw imorru bogħod minnu. Min jiġi l-aktar bogħod mill-kaxxa, jibda jilgħab. Imbagħad jilagħbu bit-tefgħa, sa ma jirbħu kollox.

**Sinjal** jew **singlu**; Fejn jilagħbu din il-logħba jrid ikun lixx u nadif. Iħożżu sinjal xi ftit twil. Fit-truf tas-sinjal jitħażżu żewġ sinjali żgħar. Bejn is-sinjal, ifisser ġewwa. 'Il barra jfisser barra. F'dan il-każ, waqt il-logħob barra ma jgħoddx. F'nofs is-sinjal titqiegħed ġebla, biex turi fejn hu n-nofs tas-sinjal. Madwar għaxar passi bogħod, jitħażżeż sinjal ieħor, minn fejn jilagħbu. Wara li jaqtgħu t-tokk, jibdew jilagħbu bil-flus miftehma. Jilagħbu lejn is-sinjal. Min jiġi l-eqreb jirbaħ kollox. Jekk ikun hemm tnejn li jkunu bl-istess distanza, jaqsmu l-flus.

**Sħab**; Għal din il-logħba, jintuża ballun tal-kamoxxa. Meta tintlagħab sħab bejn ħafna, kienu jinqasmu f'żewġ gruppi. Wieħed minn kull grupp jaqta' t-tokk. Min jiġi, kien jieħu l-ballun u jibdew jixħtuh wieħed lejn l-ieħor. Dawk tal-grupp oppost, kienu jitħalltu magħhom u jippruvaw jeħduhulhom. Jirbaħ min jirnexxilu jżomm il-ballun l-aktar. Fi sħab bejn tlieta, jieħdu sehem tlett itfal. Kienu jagħmlu tliet sinjali f'linja dritta, xi sitt passi bogħod. Jaqtgħu it-tokk. Minn jiġi, ikollu joqgħod fin-nofs. It-tnejn l-oħra jkunu sħab u joqogħdu fuq is-sinjali tat-truf. Kienu jibdew iwaddbu l-ballun lil xulxin, filwaqt li tan-nofs jipprova jaħtfu. Jekk jirnexxielu, jidħol min suppost qabad il-ballun.

**Sebellika**; Jista' jilgħab kemm tifel waħdu, inkella jekk ikun hemm aktar, dawn jilagħbu kollha għal rashom. Sebellika hija dik l-insett li f'Malta nafuh bħala nannakola. It-tifel jaqbad sebellika. Iqegħedha fuq seba' l-werrej in-naħa tad-difer. Imbagħad jagħmel sebgħu ta' idu l-oħra fuq is-sebgħa fejn ikollu s-sebellika u jifforma salib, biex ma jħallix is-sebellika timxi lejn difru, għax tkun tista' taqa'. Is-sebellika tipprova titla fuq is-seba' l-ieħor. Waqt li tkun tielgħa, it-tifel iqabblilha, "sebellika tir tir. Ommok il-ġenna u missierek fil-bir." Jekk jirnexxilha titla' fuq is-seba' l-ieħor, it-tifel itella' seba' ieħor, biex terġa' titla' u jibqa' sejjer hekk, sa mas-sebellika tiddejjaq u ttir.

**Salva**; Jagħżlu post biex iservi bħala ħabs. Dan jagħmluh billi jħożżu nofs tond fl-art li tissejjaħ id-dawra. Jaqtgħu it-tokk. L-ewwel tlieta li jiġu, joqogħdu dawk li jaqbdu. Il-kumplament tat-

tfal jaħarbu jiġru sal-limiti li jkunu ftehmu fuqhom qabel. Dawk li jkunu jaqbdu, jippruvaw jaqbdu lil xi ħadd billi jmissuh. Lil min imissu jinqabad priġunier u jittieħed ġewwa d-dawra. Meta jkun hemm xi ħadd maqbud ġewwa l-ħabs, joqgħod xi ħadd għassa miegħu. L-oħrajn ikomplu jaqbdu. Dawk li jkunu għadhom ma nqabdux, jippruvaw isalvaw lil seħibhom priġunier, billi jmissuh. Il-priġunieri joqogħdu id f'id, biex kif jintmess wieħed, ikunu jistgħu jaħarbu f'daqqa.

**Serriegħa**; Logħba goffa. Tintlagħab fuq il-ħaxix, peress li jsir sarar bejn il-kontestanti. Is-sarar isir jew wieħed kontra wieħed, inkella tnejn kontra tnejn. Dawk li jkunu sejrin jagħmlu s-serriegħa (ġejja mill-kelma sarar), joqogħdu biswit xulxin, xi tliet passi bogħod. Jibdew billi jgħoddu "wieħed, tnejn, tlieta" u jgħajtu "ħarġet". Malli tissemma l-kelma ħarġet, jibdew jissaraw. Waqt is-sarar, ħadd ma jista' jagħti bis-sieq jew bil-ponn. Jippruvaw iwaqqgħu lil xulxin, bis-saħħa ta' dirgħajhom. Jekk meta wieħed iwaqqa' lill-ieħor, jirnexxielu jżommu mal-art, ikun jista' jbellagħlu l-ħaxix. Dak ta' mal-art, jipprova jerġa' jqum. L-ieħor huwa obbligat li jżommu mal-art, sa ma l-ieħor jgħajjat "ċedejt". Jista' wkoll dak li jkun qiegħed iżomm lil sieħbu mal-art, jibda jgħodd sal-għaxra. Ġieli kienu jdumu jissaraw bla ma jaqilbu lil xulxin, għalhekk kienu jieqfu jistrieħu. Biex jistrieħu kienu jgħidu l-kliem "puppu serħ". Wara ftit tal-ħin jerġgħu jibdew.

**Salib l-art**; Logħba li tintlagħab biż-żibeġ. Tista' tintlagħab fl-art jew fuq mejda. Min jilgħab kien ipoġġi tliet żibġiet kull tifla. Kull tifla jkollha kulur tagħha. Min ikun imissu, jkollu jimmira bil-mod, bis-subgħa l-kbir sparat minn fuq il-werrej, għal fuq żibġa oħra, bla ma jolqot żibeġ oħra.

**Siġġu Bambin** jew **Ċikku bambo**; Xi żewġt itfal kbar, kienu jagħmlu jdejhom forma ta' siġġu, imbagħad itellgħu lil xi ħadd miż-żgħar fuq idejhom, taparsi qiegħed bilqiegħda fuq siġġu. Kienu jibdew iduru bih mal-kamra fejn ikunu. Kienu jorganizzaw ukoll tiġrijiet.



*Siġġu Bambin,*
*tpinġija ta' Guido Lanfranco*

**Sold** jew **sitta** (muniti użati f'Malta sal-1972); Kienu jqiegħdu soldi jew sittiet fuq xifer ta' bankina. Kull munita kienet tinħareġ sa nofsha 'l barra. Minn post miftiehem kienu jibdew iwaddbu l-boċċi jew ġellewż, sa ma jwaqqgħu l-muniti kollha. Kienu jilagħbuha wkoll, billi jqiegħdu s-soldi jew sittiet fuq xifer il-bankina. Kienu mbagħad jibdew iħabb0tu s-soldi mal-ħajt, biex meta jaħbtu jtiru lejn fejn ikun hemm is-soldi. Dak li jiġi l-eqreb ta' xi munita kien jirbaħha. Xi wħud kienu jilagħbu din il-logħba, billi jwaqqfu l-munita mal-ħajt. Minn post miftiehem minn qabel, kienu jibdew iwaddbu l-boċċi sa ma jwaqqgħu s-soldi u s-sittiet kollha.

**Logħob tat-tabib**; Kienu jimitaw lit-tabib u l-visti li kien jagħmel id-dar, jew meta kienu jżuruh huma fil-klinika tiegħu. Joqogħdu taparsi jinvistahom, min jisgħol u t-tabib iħarbex fuq xi karta t-taparsi riċetti tal-mediċina.

**It-tajbin u l-ħżiena**; Tintlagħab l-istess bħal karfusu, pastur u xerrej.

**Tappini**; It-tfal dari ma kienx ikollhom il-ġugarelli li nsibu llum, anzi nistgħu ngħidu li ma kien ikollhom ġugarelli xejn. Biex jilagħbu kien ikollhom jaraw x'jivvintaw huma jew xi ħadd kbir għalihom. Fost l-affarijiet li kienu jfaddlu, biex jilagħbu bihom jew għalihom, kienu t-tappini tal-fliexken tal-birra jew tal-luminata. Kienu jilagħbu għat-tappijiet, bħalma kienu jilagħbu gastelli bil-ġellewż. Min ikun sejjer jilgħab, kien joħroġ sehmu. Kienu jibnu s-sehem tagħhom forma ta' piramida jew torri żgħir u kienu jimmarkawh b'xi ħaġa, bħal ngħidu aħna, isimhom jew ittra. Kienu mbagħad jaqtgħu t-tokk u minn linja mmarkata ftit bogħod mit-tappini, kienu jgaraw il-boċċi jew ġebel. Dak li jtajru jirbħuh. Logħba oħra tat-tappini kienet tintlagħab billi ssir linja, minn fejn tibda l-logħba. Ftit 'il bogħod jagħmlu linja oħra, il-*finish* kienu jsejħulha. Min jilgħab, kien jispara t-tappin b'sebgħu l-kbir. Min jasal l-ewwel sal-*finish* jirbaħ. Jekk meta jilgħab, dak li jilgħab jolqot it-tappin ta' xi ħadd ieħor, dan kien ikollu jerġa' jibda mit-tluq.

**Itajru t-tajra**; Iż-Żwieten isejħulha manuċċa. Is-subien, l-aktar fis-sajf, kienu jimpikaw min minnhom kellu l-ħila jtajjar it-tajra tal-karti fil-għoli u fit-tul. Ġieli kienu anke jġelldu t-tajra. Ta' min titlef kienet taqa' għal isfel. Sfortunatament, ġieli mietu tfal, kemm żgħar, kif ukoll kbar, meta tant kienu jiskru u jintilfu jtajru t-tajra, li ġieli rifsu fuq xi tamboċċ u sfronda bihom u ġieli kien ikun hemm bjut bla opramorta u jinsew u jaqgħu mill-għoli għal isfel.

**It-tiġieġa l-għamja**; F'din il-logħba xi ħadd ikollu għajnejh mgħammdin u jrid jipprova jaqbad lil xi ħadd mit-tfal l-oħra. Min jinqabad ikollu joqgħod it-tiġieġa hu.



*It-tiġieġa l-għamja, tpinġija ta' Guido Lanfranco*

**Tuhom**; Tista' tintlagħab minn bosta tfal. Titħażżeż kaxxa fuq art watja, fejn it-tfal iqiegħdu sehemhom. Imbagħad iħożżu sinjal, minn fejn ikunu jistgħu jixħtu l-boċċa tagħhom. Jaqtgħu it-tokk. Jilagħbu, billi tinxteħet il-boċċa. Dawk il-boċċi li joħorġu mill-kaxxa, jintrebħu minn dak li jkun għadu kif lagħab. Jekk fl-aħħar jibqa' boċċa waħda fil-kaxxa, jinbidel il-logħob, billi jilagħbu tira. Din il-logħba tintlagħab billi kull tifel jilgħab il-boċċa tiegħu bil-mod. Dak li jasal l-eqreb jirbaħ il-boċċa. Jekk xi boċċi jiġu bl-istess distanza, meta jkejlu, jerġgħu jilagħbu.

**Tektika**; Jagħżlu post lixx, wati u nadif. Bħal xi roqgħa siment lixxa jew madum. Jinġabru l-ishma f'muniti, dari kienu jilagħbu għas-soldi. Jaqtgħu t-tokk. Min jiġi l-ewwel jieħu l-muniti f'idejh u jirranġahom kif jidhirlu hu. Gozz jew imxerrdin, basta jkunu jħarsu kollha fl-istess naħa, pereżempju, kollha wċuh jew kollha rġejjen. B'xi biċċa munita itqal mill-oħrajn, f'dan il-każ kienet tkun xi tmintax irbiegħi, jibda jagħti fuq il-muniti, biex jaqlibhom. Dawk il-muniti li jirnexxilu jaqleb, jirbaħhom.

**It-toqba**; Logħba tas-subien u l-ġuvintur. Ma' ħajt jinbnew toqob daqs kemm ikunu ser jieħdu sehem tfal fil-logħba. Kull wieħed ikollu toqba tiegħu. Minn xi tmien passi 'l bogħod mit-toqob, jitħażżeż sinjal. Wara li jaqtgħu t-tokk, bil-ballun tal-kamoxxa f'idu, dak li jiġi mill-ewwel, jitfa' l-ballun minn fuq is-sinjal lejn it-toqob. Dak li l-ballun jiġi fit-toqba tiegħu, jitlaq jiġri biex jaħtaf il-ballun u jixtħu lejn xi ħadd minn sħabu li jkunu ħarbu jiġru. Jekk ma jolqot lil ħadd, jitlef il-punt. Jekk jolqot lil xi ħadd, jitlef punt dak milqut. Min itellef il-punt lil sieħbu, ikun imissu jilgħab.

**Trajjos**; Ma' ħajt fil-għoli, li tkun tista' tintlaħaq minn kulħadd, titħażżeż kaxxa. Jinqasmu f'żewġ gruppi. Grupp biex jiddefendi l-kaxxa, filwaqt li l-grupp l-ieħor jattakka. Kull membru tal-grupp li jiddefendi, jimmarka wieħed mill-attakkanti u joqgħod fuqu. Id-difensuri jagħżlu wieħed biex joqgħod għassies tal-kaxxa. L-attakkanti li jkunu ftit passi bogħod mhux ħażin jgħajjtu 'trijos'. Id-difensuri joħorġu biex joqtlu lill-attakkanti, billi jmissuhom. Min jintmess ma jistax ikompli jilgħab. L-attakkanti jippruvaw jiskansaw li jintmessu, filwaqt li jippruvaw imissu l-kaxxa. Fil-każ li l-attakkanti jinqatlu kollha, jirbħu d-difensuri tal-kaxxa. Min-naħa l-oħra, jekk xi ħadd mill-attakkanti jirnexxilu jagħti tliet daqqiet fuq il-kaxxa u jgħajjat "missejtha", jirbħu l-attakkanti.

**Tmellieħa**; Tintlagħab billi wara li jaqtgħu t-tokk, dak li jiġi biha jkollu jipprova jaqbad il-ballun, li jkun qiegħed jitwaddab minn tifel għal tifel. Jekk jirnexxilu jaqbdu, min jaqbdu jipprova jistampa lil xi ħadd minn sħabu. Min jintlaqat ikollu joqgħod fin-nofs.

**Trija**; Din kienet logħba komuni ħafna. Tintlagħab kemm ġewwa, kif ukoll barra. Fl-art jew fuq mejda. Kienu jpinġu disinn fuq kartuna. Jużaw ġebel, buttuni jew biċċiet tal-kartun. Id-disinn kien ikun fil-forma tal-bandiera Ingliża. Wara li jaqtgħu t-tokk, kienu jibdew jilagħbu billi jqiegħdu ġebla fuq liema kaxxa jridu. Min jirnexxilu jgħaqqad tliet ġebliet f'linja dritta, fuq linja waħda, kien jirbaħ.

**Tutemp**; Din kienet il-kelma, biex min jgħajjatha kien jissospendi l-logħba għal ftit tal-ħin.

**Vleġġa**; It-tfal kienu jinqasmu f'żewġ gruppi. L-ewwel grupp jibdew jimxu, filwaqt li jħożżu mal-art vleġeġ, permezz ta' xi ġibsa jew biċċa faħma. Il-grupp l-ieħor, irid jimxi u jara jsibx minn fejn ikunu għaddew tal-ewwel grupp. Il-logħba tispiċċa meta ż-żewġ gruppi jiltaqgħu fil-post miftiehem minn qabel.

**Il-vapur**; Kienu jagħmlu bħal karru fuq ir-roti. Jagħmlulu minn wieħed sa tlett arbli, li magħhom kienu jarmaw il-qlugħ u xi bnadar żgħar. B'qafla kienu jiġbdu l-vapur, mgħejun mir-riħ li jkun għaddej. L-aktar li kienu jagħmluh kien fi żmien il-karnival.

**Wieħed wara l-ieħor**; Kienu jaqtgħu t-tokk. Min jiġi kien joqgħod il-kap. It-tfal l-oħra kienu jintasbu f'linja, wieħed wara l-ieħor. Il-kap jibda jiġri, bl-oħrajn jiġru warajh. Iridu jagħmlu kollox kif jagħmel il-kap. Jaqbżu, jgħollu jdejhom u anke jmissu lil xi ħadd li jkun għaddej. Ħafna drabi kienu jurtaw lin-nies, li jkunu għaddejjin. Tista' tibqa' tintlagħab għal ħin twil. Ħafna drabi sa ma jgħejjew.

**Werqa tax-xitla mħabba**; Tista' tintlagħab kemm minn tifel waħdu, kif ukoll bejn tnejn. It-tfal isibu werqa minn xitla tal-imħabba. Tifel minnhom jibda jogħmod il-werqa bejn snienu

u wara jqegħedha fuq il-pala t'id l-ieħor, waqt li jibda jgħid, "werqa tax-xitla mħabba, jekk tħobbok ommok titla' warda, jekk iħobbok missierek jitla' bezzun." Sadanittant, il-werqa tibda tneffaħ f'id l-ieħor. Jekk in-nefħa titla' forma ta' warda, ifisser li tkun tħobbu ommu, jekk titla' forma ta' bezzun, ifisser li jkun iħobbu missieru.

**Waħda jew kollox**; Iqiegħdu l-boċċi jew ġellewż f'linja dritta. Fuq quddiem iqiegħdu boċċa jew ġellewża bħala l-likk. Min jilgħab, kien irid jolqot il-likk biex jieħu kollox. Jekk jolqot xi boċċi minn fuq il-linja, dak li jolqot jirbaħhom.

***Weeny weeny* ja ballun**; Kienu jistgħu jilagħbu ħafna tfal. Tifla kienet tmur wiċċha mal-ħajt. Din kienet titfa' l-ballun lura. Xi waħda minn sħabha, kienet taqbad il-ballun u taħbih warajha. Dik ta' wiċċha mal-ħajt, kienet iddur u tipprova taqta' għand min ikun il-ballun. L-oħrajn kienu jibdew ikantaw, *"weeny weeny*, ja ballun. Fejn int qiegħed ħalli mmur? "kienu jippruvaw jgħaddu l-ballun waħda lill-oħra bil-moħbi. Jekk taqbad lil xi ħadd, ikollu joqgħod il-qattus. Ġieli kienu jkantaw bl-Ingliż, *"weeny weeny, where is the ball, I haven't got it. Where is it?"*

**Xerrej**; F'din il-logħba jieħdu sehem sid ta' ħanut, xerrej tajjeb u xerrej xħiħ. Lill-oħrajn jingħataw l-isem ta' affarijiet komuni li wieħed isib ġo ħanut. Ix-xerrejja ma jkunux jafu x'oġġett jissemmew it-tfal. Jibdew jistaqsu lil tal-ħanut għall-oġġetti. Jekk isemmu xi oġġett, li xi ħadd mit-tfal ikun semma' għalih, jirbħuh. Jirbaħ il-logħba, min jaqta' l-aktar oġġetti.

**Xiber u laqt**; Tintlagħab l-aktar bejn tnejn, però jistgħu jieħdu sehem aktar tfal. Wieħed jixħet il-boċċa. L-ieħor ikollu jimmira biex jolqotha. Ġieli kienu jiftiehmu li jekk jasal sa xiber mill-boċċa l-oħra, kien jirbaħha.

**Xixu u bżallu**; Kienu jużaw injama twila bħala bastun. Kienu jużaw ukoll injama żgħira jew aħjar qasira, li kienu jittemprawlha t-truf. Min jilgħab, kien iqiegħed l-injama l-qasira fl-art. Jimmira bil-bastun u jtiha daqqa b'kemm saħħa jkollu. Jekk jolqotha sewwa, l-injama l-qasira togħla. X'ħin tkun fl-arja, dak jerġa' jipprova jolqotha. Jekk jolqotha sewwa, l-injama ttir 'il bogħod. Imbagħad ikejlu d-distanza minn fejn tkun ittajjret sa kemm tkun waslet bogħod, b'kemm tulijiet tal-bastun. Min jirnexxilu jixħet l-aktar 'il bogħod jirbaħ.



*Ix-xixu (ritratt BOV)*

**Ża Ża Żumballa**; Jintgħażel tifel bħala l-kaptan u jiffurmaw dawra. Il-kaptan joħroġ il-pala t'idu fin-nofs. L-oħrajn kienu jagħmlu bħalu. L-ewwel iqiegħdu l-pala tal-lemin, imbagħad tax-xellug, b'hekk jiffurmaw bħal kolonna ta' jdejn. Malli kulħadd ipoġġi jdejh, il-kaptan jibda jagħti bil-pala t'idu fuq dik il-pala li tkun imqiegħda fuq nett. Kien jibda jqabbel, "ża ża żumballa, cosi sia, cosi sia. Igdimha u busha u qegħedha fuq it-tromba tal-għarusa." Hekk kif il-kaptan jispiċċa jqabbel, dak li jkollu idu fuq, kien ineħħiha minn postha, filwaqt li jigdimha u jbusha, kien iqegħedha fuq spallet sieħbu, in-naħa, skont liema pala t'id tkun. Imbagħad

it-tfal kienu jibdew ikantaw, "Ninu Ninu tal-Milied, ommi għamlet il-qagħqiet, għamlithom tal-qastanija u nikluhom filgħaxija." Dawk it-tfal li jkollhom l-id fuq spallithom, kienu jibdew jixxenglu 'l hemm u 'l hawn. Kif tispiċċa din l-għanja, il-kaptan kien jerġa' jagħti daqqa fuq l-id li tkun fuq u jerġgħu jagħmlu l-istess.

**Żgajjar**; Għal din il-logħba tintuża ż-żugraga tal-injam. Kienu jħożżu dawra tonda fl-art. Ftit 'il bogħod iħożżu sinjal, minn fejn ikunu jistgħu jdawru ż-żugraga. Is-sehem tagħhom f'buttuni, jqegħduh fid-dawra tonda. Wara li jaqtgħu t-tokk, min jiġi, jilgħab iż-żugraga. Kien jibda jdawwarha u jipprova jressaq iż-żugraga lejn id-dawra tonda, b'subgħajh, billi jagħmilhom forma ta' 'V'. Dan biex bid-dawrien, iż-żugraga ittajjar xi buttuna barra miċ-ċirku t-tond. Dawk li joħorġu jintrebħu. Kien idum jilgħab, sa ma ż-żugraga tieqaf. Il-logħba tispiċċa, meta jintrebħu l-buttuni kollha.

**Iż-żugraga jew mergun**; Is-subien, kienu jħobbu jilagħbu wkoll biż-żugraga tal-injam. Kienu jdawruha permezz ta' frosta, billi jtuha daqqiet ħfief bi frosta, magħmula minn xi biċċa rumnell imwaħħla ma' injama. Kienu jilagħbu wkoll bil-vapuri taċ-ċuplajs, li kienu jagħmlu mill-weraq jew pal tal-bajtar tax-xewk. Kienu jitilquhom jiġġerrew mal-wied wara xi ħalba xita. Kienu jħobbu jagħmlu l-irdieden tal-qasab u mtieħen, li kienu jwaħħlu fuq xi bejt, biex iduru permezz tar-riħ. Xi wħud, kienu jagħmlu s-sfafar mill-għadam jew mill-qasab. Xi wħud kienu jagħżlu xi ħaġa eħfef, billi joqogħdu jagħmlu l-bżieżaq tas-sapun, permezz ta' biċċa fildiferru mgħawġa għat-tond u xi kontenitur, fejn jagħmlu l-ilma mħallat bis-sapun.



***Żewġ żgajjar u sett brilli tat-tfal (ritratt Heritage Malta)***

**Iż-żibeġ**; Il-logħob biż-żibeġ, huwa logħob mill-aktar antik f'Malta. Il-bniet l-aktar li kienu jilagħbu bihom. Kienu jħaffru toqba fl-art u jimmiraw biex iwaddbu ż-żibeġ fit-toqba. Kienu jdommu ż-żibeġ f'kullana.

**Iż-żigużajk** jew **jow jow**; Kienu jaqbdu buttuna mdaqqsa. Jgħaddu l-ħajta mit-toqob, faċċata ta' xulxin u jgħaqqduha. Imbagħad kienu jibdew idawru l-ħajta, li bit-toqol tal-buttuna tibda titkebbeb. Meta mbagħad jistiraw, il-ħajta, il-buttuna tibda ddur lura. Kienet tagħmel ħoss ta' tvenvin, hija u ddur.



***Logħob biż-żibeġ (ritratt BOV)***

**Żiemel**; Logħba li kienet issir fil-forma ta' tellieqa, jekk kien ikun hemm biżżejjed tfal biex jilagħbu. Kienu jużaw biċċa ħabel. Jgħadduha minn wara l-għonq, għal taħt l-apt u jinġibdu lura. Dak ikun iż-żiemel. Kienu jitlaqqgħu pari pari u mas-sinjal tat-tluq kienu jitilqu jiġru, wieħed iż-żiemel u l-ieħor il-ġerrej.

**Iż-żunżana ddur iddur**; Kienu jinġabru grupp ta' tfal, li jintefgħu fl-art, forma ta' ċirku. Xi ħadd minnhom kien jibda jdur wara dahar sħabu b'xi ħaġa f'idu, bħalma kien maktur, ċarruta jew biċċa injama. Dawk bilqiegħda, kienu jibdew ikantaw, *"iż-żunżana ddur iddur, fuq il-bejt tal-kaċċatur, meta tasal taħt il-mina tagħmel żinn żann żunn."* Sadanittant, dak li jkun idur, jitlaq dak li jkollu f'idejh, wara xi ħadd minn dawk bilqiegħda. Meta dak li jkollu l-oġġett warajh jinduna, jkollu jdur dawra maċ-ċirku tat-tfal, bl-oġġett f'idejh. Mel'issa jkunu tnejn li jibdew jiġru, l-ewwel wieħed u dak li jkun ħa l-oġġett f'idejh. Min jilħaq l-ewwel fil-post il-battal jieħdu. Min jibqa' bla post, ikollu jibda jdur bl-oġġett.



***Iż-żunżana ddur iddur, logħba mill-proġett Rulina (ritratt P. Balzia)***

**Żurżieqa**; Għal din il-logħba, kienu jużaw injama wiegħsa, bħal xi biċċa tavla. Din titqiegħed f'tarf ta' bankina, biex tifforma żurżieqa. Isfel, kienu jqiegħdu ringiela ġellewż. Wara li jaqtgħu t-tokk, min jibda kien jitlaq ġellewża minn fuq. Meta tinżel isfel, wara li titgerbeb, dak il-ġellewż li tolqot, jintrebaħ. Tista' tintlagħab mod ieħor. Kienu jitilqu ġellewża kull wieħed u ta' min tmur l-aktar 'il bogħod kien jirbaħ.

Kienu jilagħbu bosta logħob ieħor, bħal logħob bil-kliem. Kienu jilagħbu l-ħaġa moħġaġa. Kienu jlissnu taqbila, li jkun fiha ċerta informazzjoni. Imbagħad xi ħadd ikun irid jaqta' x'inhi.

Kienu joqogħdu jilagħbu bit-taqbil tal-kliem bħal, "Toni tagħna tani tina, talli tajtu tuta tajba." Dan ridt tgħidu bl-għaġġla, min ma jitfixkilx kien jirbaħ.

Kienu jilagħbu wkoll, billi jistaqsu mistoqsijiet tal-ħsieb, bħall, "bettija biex trid timliha, biex tkun aktar ħafifa?" ir-risposta trid tkun, "bit-toqob."

Kienu jilagħbu wkoll bl-omonomi, bħal ngħidu aħna, "inti għandek qadd usa minn tiegħi." Qadd usa' tinstema qattusa.

Kellhom logħob fejn kienu jużaw l-aritmetika għat-taħbil il-moħħ.

Kienu joqogħdu jgħidu l-ħrejjef.

Kellhom logħob ieħor, ta' kliem Katina. Waħda min dan il-logħob ta' kliem Katina li kien komuni ħafna hija, *"darba kien hemm sultan, daħħal siequ fit-tigan, it-tigan irid il-bajd, il-bajd għand it-tiġieġa, it-tiġieġa trid in-nuħħala, in-nuħħala għand tal-ġwież, tal-ġwież irid il-flus, il-flus għand l-istampier, l-istampier irid in-nar, in-nar għand il-furnar, il-furnar irid il-ħatab, il-ħatab għand is-siġra, is-siġra trid l-ilma, l-ilma għand il-bir, il-bir irid il-barmil, il-barmil irid il-ħabel, il-ħabel irid l-istoppa"*, jissemma isem xi ħadd, iġebbed u isem ta' xi ħadd ieħor, skappa.

Kienu jqabblu, *"agħmel xita agħmel, ħalli jikber il-ħaxix, il-ħaxix intuh il-mogħża, biex ittina l-ħalib."*

Ġugarelli li kienu jużaw biex jilagħbu, ħafna drabi kienu jagħmluhom huma. Kienu jagħmlu ajruplani tal-karti. Dgħajjes tal-karti, ballun ġummiema u bennieni. Minn zokk ta' ħafura kienu jagħmlu bedbud, li kien forma ta' suffara, aktarx b'ħoss maħnuq, però kienu jagħmlu bosta minnhom, miskin hu min kien ikollu xi naqra rasu tuġgħu. Kienu jagħmlu ċaqlembuta (*see saw*) minn xi biċċa tavla, kif ukoll, ċippitatu, ċirku tal-metall, ċuqlajti, dar tal-pupa. Dudu jew lazz, bis-suf li jgħaqqdu mal-imsiemer imwaħħlin fuq rukkel vojt tal-ħajt. Faqqaturi, murtali tal-karti, qxur tal-ġewż jibdluhom f'dgħajjes, jew jagħmlulhom lasktuwa u zokk ta' sulfarina u joħolqu ħoss bħal ta' pitirross meta jibda jtektek. Il-bniet kienu jaħdmu pupi mis-suf jew taċ-ċraret. Jilagħbu tal-ħanut, jagħmlu ktajjen tal-karti u jilagħbu bil-mudelli tal-knejjes. Kienu wkoll jagħmlu kummidjant, forma ta' pupu, li jibbilanċjawh fuq xi ħaġa permezz tal-fildiferru. Imbgħad kienu wkoll jaħdmu armi biex jilagħbu tal-gwerra, bħal azzarini tal-injam, li jisparaw it-tappijiet tal-luminata. Patata li jwaħħlulha s-sulfarini u jtuha forma ta' annimal. Jagħmlu pupi mill-peprin u rdieden tar-riħ, skuters u karrjiet bil-*ball bearings* tajr tal-karti, tankijiet tal-gwerra mill-irkiekel tal-ħajt vojta, xwieni, telefown bil-bottijiet u spag, jaqtgħu x-xorti, logħob biż-żugragi, pizzikajju u vlontin.

Tfal xi ftit imfarfrin kienu jħobbu jintasbu f'xi rokna u jibdew jgħidu l-ħrejjef, l-aktar dawk fuq sħaħar, iħirsa u tal-waħx.

It-tfal tal-gżira Għawdxija ma kinux neqsin mil-logħob. Aktarx li kien ikun jixbah lil-logħob li kienu jilagħbu Malta, però ġieli kien ikun hemm xi ftit varjazzjoni. Kellhom ukoll logħob li ma kienx jintlagħab f'Malta.

Is-subien kienu jħobbu jilagħbu ħafna bil-boċċi tal-ħġieġ. F'xi żmien kienet teżisti xarba minerali li kienu jsejħulha tal-ġinġer, li flok tapp kif nafuh illum, kienet tiġi ssiġillata bil-boċċa tal-ħġieġ, li biex jinfetaħ il-flixkun kienu jimbuttawh l-isfel. It-tfal kienu jkissru l-fliexken biex jieħdu l-boċċa. Kien hemm diversi logħob differenti tal-boċċi bħalma huma; gastelli, laqta, tuhom, il-qriba, il-fatt, iż-żorba, il-bżejqa, il-*master*, il-*game*, *master* għar-rikba u l-brilli, u min jaf kemm logħob ieħor. Iż-żibeġ li kienu jilagħbu bihom il-bniet ukoll kien jilagħbu logħob differenti bħalma huma l-ħofra, salib l-art, qabbuż, kuluri u pinen. Kellhom logħob bil-ġewż bħal gastelli, il-kuklu, iż-żurżieqa, missulha, ċippitatu u skorra. Logħob ieħor kienu jilagħbuh għall-flus. Dawn kienu aktarx jintlagħbu miż-żgħażagħ kbar sewwa. Kien hemm it-tektika, inwaqqgħuhom, id-dawra u s-sinjal. Kienu jilagħbu logħob bil-buttuni. Kellhom iż-żgħajjar u l-Maltija. Iċ-ċagħak ukoll kien jidħol fil-logħob. Kellhom il-ħamsa, trija, nieklu, il-fula, gejder u l-piċ.

Billi semmejna bosta mil-logħob li kienu jilagħbu t-tfal, dan juri kemm it-tfal ta' dari kienu jilagħbu bix-xejn u kemm kienu kreattivi. B'sempliċi zokk tari tas-silla, kienu joħolqu ftit mogħdija taż-żmien. Kienu jaqtgħuh, iqaxxruh u jikluh. Kienu jgħidu lil xulxin, immorru għall-imgħażel. L-istess kienu jagħmlu fi żmien il-bajtar ta' San Ġwann. Kienu jsibu bajtra joqogħdu jdawru fiha, sa ma jrattbuha, imbagħad idaħħlu zokk tal-ħafur mingħajr għekieżi u jibdew isoffu l-meraq tagħha. Ħaliba kienu jsejħulha. Kienu jsoffu z-zokk tal-ħaxixa Ingliża jew qarsu, jisimha magħha. Kienu jiġbru l-basal tal-istess ħaxixa Ingliża waqt il-ħrit biex jikluh, l-aktar wara li jinkaljawh fuq in-nar. Kienu jiġbru ż-żerriegħa tal-peprin biex meta jkollhom ammont kienu joqogħdu jieklu minnha. Kienu joqogħdu jduru d-dwieli, wara l-ħsad, biex ifittxu dawk il-friegħi tal-għeneb bi tlieta jew b'erba għenbiet u jikluhom. Irċipp jew ċipep kienu jsejħulhom. Kemm kien jedhew b'kollox.

Il-logħob huwa kollu sabiħ, jekk min ikun qed jilgħab, jagħmel hekk bil-galbu u bis-sewwa. Dari xi wħud mit-tfal, kienu jużaw il-moħqrija fuq l-annimali, bħala parti mil-logħob tagħhom. Kien hemm min kien jaqbad il-marzepp, kif ukoll iż-żringijiet u jonfoħom b'tibna minn wara sa ma jinfaqgħu. Inkella wara li jonfħuhom, iż-żringijiet kienu jagħmluhom ringiela f'nofs it-triq, biex xħin tgħaddi karozza jinfaqgħu u jogħxew bil-ħoss li kienu jagħmlu. Kienu jaħsbu li qed jilagħbu, meta kienu jmorru jisirqu l-bajd mill-bejtiet tal-għasafar. Meta kienu jiġbru ċertu ammont ta' bajd, l-aktar minn ġol-bejtiet tal-għasafar tal-bejt, kienu joqogħdu jwaddbuhom lil xulxin, jew jixħtuhom lin-nies li jkunu għaddejjin. Kienu jarmaw il-qasab jew xi frostin, biex meta jpassu l-ħuttaf, kienu joqogħdu jwaħħlulu bihom, sa ma jolqtu xi waħda (jekk kien jirnexxilhom). Kienu jagħmlu ngassa ma' tarf ta' zokk ta' ħafura u jonsbu għal-gremxul. Miskina dik l-isfortunata li tinqabad fl-ingassa, x'martirju kienet tgħaddi minnu. Kienu joqogħdu jisparaw bil-vleġġa żbandola jew kif kienu jsejħula ż-Żwieten l-isteringa, fuq kulma kienu jaraw. Kienu jagħmlu mnasab u jonsbu għal-friefet. Jaqbdu l-friefet u jorbtuhom minn żaqqhom ma' ħafura għat-taħrik. Kienu jaqbdu xi żunżan mill-kbar, imsejjaħ żunżan bagħal. Kienu jarmaw sienja, l-istess bħalma kienet tkun is-sienja li kien idawwar il-ħmar biex itellgħu l-ilma mill-ispiera u l-imsejken żunżan kienu jorbtuħ magħha, billi jdaħħlulu xi labra tar-ras fil-parti ta' fejn ikunu ħerġin il-ġwienaħ (*thorax*) u jorbtuha mas-sienja. Biex idur kienu jnigżuh jew jaħarqulu wara b'xi sigarett jew xi ħaġa taħraq. Logħob bħal dan m'għadekx tarah. Allaħares, għax dan mhux logħob, iżda moħqrija tal-annimali kien.

**Paċi kolaċi**; Waqt il-logħob, ta' spiss kien jinqala' l-għawġ. Kienu jispiċċaw jiġġieldu u anke ġieli xarrbu xi daqqtejn lil xulxin. Iż-żgħar, wara ġlieda, kienu jippruvaw jirranġaw, inkella kien jirranġahom ħaddieħor. Kienu jersqu lejn xulxin u jibdew ikantaw, *"paċi kolaċi, il-Madonna fuq rasi, Kristu fuq l-artal, biex ibierek lit-tfal żgħar.Dawn it-tfal huma mberkin biex isiru qaddisin".* Imbagħad jaqbdu subgħajhom iż-żgħar f'ta' xulxin, b'hekk kienet issir il-paċi.

**U min jaf kemm logħob ieħor kienu jilagħbu**

Waqt li kont qed infittex dwar x'logħob kien jintlagħab, tnikkitt ftit, meta bdejt niftakar x'ħajja sempliċi konna ngħixu, b'ta' qabilna aktar u aktar minna, għax fi tfulitna kienu bdew deħlin sewwa l-ġugarelli, ta' qabilna kellhom wisq inqas minna. Iżda dik il-ħabta l-ħajja veru kienet għadha sempliċi. Illum it-tfal barra li għandhom ħafna logħob sofistikat, donnhom qed jikbru kmieni u joħorġu mit-tfulija qabel iż-żmien.

Bla ma rrid ikolli ngħid "O żmien ħelu kif ħrabtilna", għax aħna wkoll, issa deħlin fiż-żmien mhux ħażin…

**Bibljografija**


Anton F. Attard, Logħob folkloristiku t'Għawdex.
Anton F Attard, Mid-dinja tas-seħer u tal-Folklor.
Victor Fenech, Leġġendi minn Għawdex.
Ġorġ Pisani, Għawdex joħlom fil-leġġendi.
Ġuże' Cassar Pullicino, Ħaġa Moħġaġa u taħbil il-moħħ ieħor.
Guido Lanfranco, Ngħarfu l-leġġenda Maltija.
Guido Lanfranco, Logħob, taqbil u ġugarelli.



Nirringrazzja lil diversi nies li tawni tagħrif dwar il-logħob li kienu jilagħbu huma, sabiex stajt nikkumplimenta l-lista ta' logħob li niftakar li konna nilagħbu aħna fi tfulitna.